
MISSA BREVIS
Kyrie
Jacob de Haan
Choir
8'4'2' (mixt.)
Organ
(Accomp.)
LA VALETTE

# Lucentini

Art, Fantasy & History

Hand-made Ceramics




*Buy yours from Lucentini Shop or from La Valette Band Club*

www.lucentinishop.com
00356 9945 2318

212, Merchant Street, Valletta
20b, St. Lucia Street, Valletta

# Missa Brevis

Fl-okkażjoni tal-150 sena mill-Fondazzjoni tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette
16 ta' Marzu 2024 - Katidral Metropolitan tal-Imdina

## Werrej


*Sena li trid tibqa' mfakkra*....................3
*Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta*....................7
*L-Ewwel Banda tal Belt Kapitali b'150 Sena ta' Suċċessi*....................11
*150 Sena Kontribut ta' Unuri u Suċċessi*....................17
*Diretturi ta' fama jiddieriegu lill-Filarmonica La Valette -- minn Luigi Carabott għal Jacob de Haan*....................21
*Il-Pellegrinaġġ fil-Belt ta' Ruma*....................27
*It-Tbatija ta' Ġesù*....................33
*Programm*....................38
*Mro Jacob de Haan/Mro Dominic Darmanin*....................47
*Rosabelle Bianchi/Louis Andrew Cassar*....................51
*Coro Bel Canto/George Curmi, il-Pusè*....................55
*Il-Mużika Sagra santwarju għar-ruħ u stedina għall-għaqda mad-Divin*....................59
*Il-Katidral ta' Malta-Evoluzzjoni ta' post ta' kult*....................65
*L-Attivitajiet tal-150 sena mit-Twaqqif tas-Società*....................71
*Ħajr*....................79
*Lista ta' Riklami*....................80


### Kumitat tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette 2021-2025

| | |
|---|---|
| President | Sur Jonathan Paul Grima |
| Viċi President | Sur Lino Bartolo |
| Segretarju Ġenerali | Sur Vincent Farrugia |
| Kaxxier | Sur Glen Attard |
| Direttur Ġenerali | Sur Raymond Zahra |
| Direttur tal-Billiards | Sur Simon Farrugia |
| Direttur tal-Bar | Sur Michael Borg |
| Delegat tal-Banda | Sur Simon Farrugia |
| Arkivista | Sur Raymond Zahra |
| Assistent Segretarju | Sur Mario Fenech |
| Assistent Kaxxier | Sur Emanuel Caruana |
| Assistent Direttur tal-Billiard | Sur Joseph Cremona |
| Assistent Direttur Ġenerali | Sur Michael Borg |
| Membri | Sur Emi Bonnici |
| | Sur Alan Xerri |
| Inkarigat mill-Proġetti Kapitali, Sponsors u mill-Iskemi ta' Fondi | Sur Lino Bartolo |
| Direttur Spiritwali | Fr Victor Paul Farrugia |
| Surmast Direttur | Mro Dominic Darmanin |
| Assistent Surmast Direttur | Mro James Chappell |
| Għalliem tal-Iskola tal-Mużika | Mro Shaun Scicluna |
| Inkarigat mill-Banda | Sur Gilbert Farrugia |
| Avukati Legali tas-Società | Dr Ray Zammit LLD |
| | Dr Josè Herrera LLD |


Società Filarmonica Nazionale La Valette
297, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta
VLT1110
Tel: +356 21221818
Email: lavaletteband1874@gmail.com
Website: www.bandalavalette.org
Facebook: Società Filarmonica Nazionale La Valette - A.D. 1874



***Bord Editorjali***

***Chairman:***
Lino Bartolo

***Segretarju:***
Carl Farrugia

***Membri:***
Jonathan Paul Grima

***Ġbir ta' riklami:***
Lino Bartolo

***Ritratti:***
Mill-Arkivji/Carl Farrugia

***Disinjatur:***
Carl Farrugia

***Stampar:***

BONNICI'S PRESS Est. 1924

*36, St Paul Street, Valletta*
*Tel: 21 224607*



***Sponsors Uffiċjali***

Gioielleria ZAMPA

POLIDANO

VECCHIA NAPOLI
TRATTORIA E PIZZERIA

BEATI PAOLI

RESTAURANT

240, St Paul's Street, Valletta



# Sena li trid tibqa' mfakkra

*Jonathan Paul Grima - President tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Għeżież Membri u Ammiraturi tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette.

Meta wieħed jiċċelebra Anniversarju mhux biss iħares lejn is-suċċessi tal-passat, imma jħares 'il quddiem biex iwettaq oħrajn fil-preżent li jawguraw għal futur isbaħ. U dan li qed tagħmel is-Soċietà glorjuża tagħna li qed tiċċelebra dan l-anniversarju tant importanti b'avvenimenti li huma fuq fomm kulħadd.

Fix-Xahar ta' Novembru kellna fostna is-Surmast ta' fama internazzjonali Mons. Marco Frisina, li mexxa l-Kunċert *Apostolo delle Ġenti*, b'numru kbira t'kompożizzjonijiet mill-isbaħ tiegħu, f'Kon Katidral ta' San Ġwann ippakkjat bin-nies, kunċert li għamel ġieħ lis-Società tagħna. B'dan il-Kunċert iċċelebrajna wkoll ir-rabta tagħna mal-Appostlu Missierna San Pawl, għaliex wieħed ma jistax jifred is-Soċietà tagħna minn dan l-Appostlu tal-Ġnus. Fil-fatt f'dan il-Kunċert ġew esegwiti wkoll silta ta' Mro. Dr. Paolo Nani, *Il Naufragio di San Paolo (1899)*, kif ukoll il-Final mill-Oratorju *Pawlu ta' Malta,* Mro. Charles Camilleri, taħt id-direzzjoni tas-Surmast tagħna Mro. Dominic Darmanin.

Issa wasalna f'dan iż-żmien mill-isbaħ tar-Randan u tal-Ġimgħa Mqaddsa, żmien ukoll marbut mas-Società tagħna, anke minħabba s-sehem tal-Banda tagħna fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta. Għalhekk f'din is-sena speċjali ħsibna li nistiednu lil Surmast u Kompożitur ta' fama Internazzjonali, Jacob de Haan. B'dan il-Kunċert prestiġjuż fil-Katidral ta' San Pawl fl-Imdina, huwa se jkun qed jidderiġi għall-ewwel darba f'Malta, u l-Banda tagħna se tkun l-ewwel Banda Maltija li se jkun qed jidderieġi. Il-qofol ta' dan il-kunċert se tkun il-*Missa Brevis,* li hija waħda mill-aktar kompożizzjonijiet famużi tiegħu, li tgħinna nkomplu nidħlu f'dan iż-żmien qaddis. Jakkumpanjaw se jkun hemm siltiet oħrajn kemm tiegħu kif ukoll ta' kompożituri oħra, flimkien mal-ilħna mill-isbaħ tas-sopran u l-baritonu u vjolinist prim.

Il-preżenza ta' Jacob de Haan tkompli tagħni l-istorja tas-Soċietà tagħna u ttawwal il-lista ta' Surmastrijiet ta' fama internazzjonali li dderiġew lil din il-Banda f'dawn il-150 sena. U dan huwa ta' unur kbir għalina, li jkompli jkabbar il-prestiġju tal-Ewwel Banda tal-Belt Kapitali tagħna Valletta.

Filwaqt li nirringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex dan il-Kunċert ikun ta' suċċess kbir, u nirringrazzjakom tal-preżenza tagħkom, għax mingħajrkom ma nistgħux inkomplu nħarsu 'l quddiem għal aktar snin ta' success, nħeġġukom tkomplu tiċċelebraw magħna dan l-Anniversarju permezz ta' av-venimenti oħra li għad iridu jiġu mħabbar, biex verament din is-Sena tkun waħda li tibqa' mfakkra.

Siam de La Vallette!


STAY FRESH
CISK
LAGER
MALTA'S FINEST
CISK
LAGER
ORIGINAL RECIPE
INDEPENDENT BREWERS
SINCE 1928
ENJOY YOUR CISK RESPONSIBLY
drinkawaremalta.com
for the facts
www.cisk.com

VECCHIA NAPOLI

TRATTORIA E PIZZERIA

AUTENTICO • FORNO A LEGNA •



LA CASA DEL *Capo Di Monte* MALTA'S FAVOURITE PIZZA

2180 3344
Brewhouse, Mriehel

2122 2032
Is-Suq tal-Belt

2125 5555
Salini Resort, Salina

2180 3303
SkyParks Business Centre, Luqa

2134 3434
Tower Road, Sliema

2180 3366
Mellieha Bay

2180 3300
Qawra Seafront

www.vecchianapoli.com




37, South Street, Valletta

SICILIAN CUISINE IN VALLETTA
I PUPI
PIZZERIA

# Messaġġ mis-Sindku tal-Belt Valletta

*Alfred Zammit*



Il-baned f'pajjiżna huma parti mill-wirt kulturali li nsibu f'kull belt u f'kull raħal u mhux wisq inqas fil-Belt tagħna, il-Belt Valletta. Dan il-wirt huwa importanti ħafna u nafu li l-baned huma parti integrali mill-ħajja ta' kuljum. Insibu diversi nies li jiltaqgħu jagħmlu ħbieb fil-każini tal-banda, dan apparti li l-volontarjat huwa parti integrali kbira mit-tmexxija tal-każin fejn ħafna nies jagħtu l-ħin tagħhom biex ikunu ta' servizz lejn l-oħrajn. Għalhekk dan huwa ġest nobbli minn dawk kollha li joffru l-ħin u t-talenti tagħhom sabiex ikabbru l-wirt kulturali f'pajjiżna.

Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette din is-sena qed tiċċelebra anniversarju importanti ħafna, dak tal-150 sena mit-twaqqif tagħha, frott il-ħidma u l-ħeġġa ta' Paolo Daramnin u grupp ta' ġuvintur Pawlini li appoġġjawh. Matul dawn is-snin kollha s-Società tat kontribut kbira lil beltna u pajjiżna filwaqt li tat sehemha fil-Festa tal-Appostlu Missierna San Pawl li għadna kif iċċelebrajna. Fl-istorja tas-Società nsibu impenn ta' din is-Società fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li toħroġ mill-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, magħrufa bħala Ta' Ġieżu kif ukoll kull sentejn fil-purċissjoni tal-Irxoxt.

Ta' min isemmi wkoll id-diversi attivitajiet li saru matul din is-sena sabiex ifakkru dawn il-150 sena fosthom il-kunċert li attendejt fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann ta' Mro Mons. Marco Frisina fejn kellna l-opportunità li nisimgħu diversi siltiet mill-pinna tal-istess kompożitur li saħħruna fil-ġmiel tal-Kon-Katidral.

F'dan iż-żmien tar-Randan fejn infakkru l-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu li jilħaq il-qofol tiegħu fit-Tridu Qaddis, is-Società qed torganizza dan il-kunċert bl-isem ta' Missa Brevis sabiex permezz tal-mużika tgħinna nirriflettu aħjar fuq dan il-Misteru Qaddis. Wara Mons Marco Frisina, din id-darba s-Società ħasbet sabiex tistieden lil kompożitur Olandiż Jacob de Haan.

Ta' min isemmi li s-Società La Valette kellha sehem f'diversi avvenimenti kbar fl-istorja tagħha u kif ukoll kellha diversi surmastijiet u president bravi li uħud minnhom anki ħallew impatt fuq l-istorja ta' Malta. Dawn filwaqt li l-Banda La Valette u s-Sede tagħha, baqgħu ċentru għal qalb ħafna Beltin li qattgħu l-ħin liberu tagħhom fiha, biex jikkultivaw diversi talenti u anki jissoċjalizzaw flimkien. Din il-funzjoni mwettqa mis-Società hija u tibqa' essenzjali biex fl-iżviluppi soċjali kbar li qed isiru, ma nitilfux l-identità tagħna, f'dinja li qed tpoġġi l-interessi ekonomiċi fil-qalba tagħha.

Jien bħala Sindku flimkien mal-Kunsilliera kommess li din l-identità nkomplu nħarsuha billi nikkontribwixxu b'modi differenti sabiex is-Soc. Fil. Naz. La Valette tibqa' tkun magħrufa u magħduda bħala waħda fost il-baned ewlenin ta' pajjiżna.

F'din l-okkażjoni nawgura kull suċċess lill-President is-Sur Jonathan Grima, u lill-Kumitat u lis-soċji kollha tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette, fl-okkażjoni tal-mija u ħamsin anniversarju.

Ad Multos Annos!




# SAN PAOLO NAUFRAGO

**Wine | Cocktails | Pizzeria | Mediterranean Cuisine and Platters**



**11, St. Lucia's Street, Valletta, Malta | (+356) 9951 1854**


BONACI CATERERS
by Shawn Bonaci
Weddings, Private functions & Events
Bonaci Caterers & Administration Office - L-Arka Ta' Noe, Triq Bur ix-Xewk, Siggiewi, Malta
+356 7944 1410 / 9985 8430
bonacicaterersmalta@gmail.com
Bonaci Caterers Malta


Mosta Road, Lija, Malta
Tel:2141 9788
Email: info@framegrip.com
Framegrip



# L-Ewwel Banda tal Belt Kapitali b'150 Sena ta' Suċċessi

*Lino Bartolo, Viċi President tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Huwa t'unur u pjaċir għalija li nagħmel dan il-messaġġ fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet li qed ifakkru l-mija u ħamsin (150) sena mit-twaqqif tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette t'Eccellenza bi storja miktuba b'ittri tad-Deheb bħala l-Ewwel Banda tal-Kapitali, dokumentata u notarili fl-arkivji tal-Arkivju Notarili ta' Malta.

Il-Kumitat tad-Direzzjoni wara s-suċċess li kellna bil-kunċert grandjuż tal-Mro Mons. Marco Frisina, kompla bl-attivitajiet li ħejja biex is-sena 2024 tkun Sena Speċjali għas-Società fejn qed niċċlebraw il-150 sena mit-twaqqif tagħha. Fil-bidu ta' Diċembru saret l-inawgurazzjoni tal-lift li kien ilu mwiegħed għal bosta snin, imma bid-determinazzjoni tiegħi u ta' sħabi dan il-proġett sar realtà bl-għajnuna ta' fondi mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat. Fi Frar kellna l-mawra f'Ruma b'Pellegrinaġġ fuq il-Pass tal-Appostlu Missierna San Pawl. Il-qofol ta' dan il-pellegrinaġġ kienet l-Udjenza ma' Papa Franġisku, fejn jiena personalment kelli x-xorti flimkien mal-President u d-Direttur Spiritwali tas-Società li niltaqgħu miegħu personalment u nippreżentawlu xi rigali f'isem is-Società. Barra minn hekk minn hekk żorna bosta postijiet interessanti li għandhom x'jaqsmu mal-Appostlu Missierna San Pawl fosthom il-Bażilika ta' San Paolo Fuori le Mura fejn hemm midfun San Pawl fejn saret quddiesa. Żorna l-knisja tat-Tre Fontane fejn sar il-martirju ta' San Pawl, u jingħad li meta qatgħulu rasu ħabtet mal-art tliet darbiet u beda ħiereġ l-ilma ma' fejn ħabtet li l-ilma għadu għaddej sal-ġurnata tal-lum. Kif ukoll San Paolo alla Regola, il-ħabs fejn kien miżmum u kiteb bosta ittri sakemm ħa l-martirju fejn illum hemm kappella iddedikata għalih. Kellna x-xorti li nżuru l-Vatikan, il-Kappella Sistina, il-Mużew tal-Vatikan, Santa Maria Maggiore u San Giovanni in Laterano. Grazzi speċjali tmur lejn it-tliet saċerdoti li kellna magħna Mons Paul Vella, Kan. Dun David Torpiano u Patri Victor Paul Farrugia li għamlu l-arranġamenti kollha meħtieġa u kienu ta' gwida għall-grupp kollu. Fl-aħħar ġurnata ġiet organizzata quddiesa speċjali fil-Kripta ta' San Pietru fil-Vatikan bis-sehem tas-Sopran ċelebri Rosabelle Bianchi.

Wara l-mawra f'Ruma kien imiss is-sehem tas-Società tagħna fil-festa tal-Patrun Nazzjonali l-Appostlu Missier il-Maltin kollha San Pawl, fejn l-ewwel impenn kien propju nhar 10 ta' Frar meta saret l-inawgurazzjoni uffiċjali tal-monument ta' San Pawl Nawfragu fil-qalba tal-Parroċċa (l-Arċipierku). Il-banda tas-Societa tagħna għamlet marċ u programm fejn esegwixxiet marċi brijużi u Innijiet Pawlini għal din l-okkażjoni speċjali, fejn saret ċerimonja mill-isbaħ organizzata b'mod professjonali. Minn hawn nixtieq nifraħ lil Boys tal-Arċipierku għal din l-inizjattiva li ħolmu snin ilu, li llum saret realtà propju fis-sena li s-Società qed tiċċelebra l-150 anniversarju mit-twaqqif tagħha. Wara dan l-avveniment is-Società flimkien mal-Għaqda tal-Pawlini organizzat il-festa ta' San Pawl b'diversi impenji fosthom il-Quddiesa Animata mis-Soċi fil-Kolleġġjata fejn qaddes il-Kan. Dun Karm Busuttil, Arċipriet tal-Birgu. Ħadna sehem fis-Serata mużiko-letterarja organizzata mill-Akkademja Kulturali Pawlina fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini. Fil-jiem tal-festa organizzajna l-Kunċert Ġenerali u l-Brass Band fis-Sede tas-Società, biex lejliet il-festa kellna l-marċ tradizzjonali ta' lejlet il-Festa u finalment il-marċ tradizzjonali tas-Siegħa.



# SEYBA ALUMINIUM LTD.

**Importers of Aluminium Profiles in Various Colours.**

**Thermal Break Sliding, Light & Heavy Duty Sections toghether with Hinge Profiles & Accessories.**





GEAL S.p.A.
estrusione e lavorazioni alluminio
www.geal.it



17, Triq il-Kummerċ, Qormi - QRM 3032
Tel: 2144 7580 / 95 Fax: 2144 7580 - Mob: 7947 3726 - 7944 7580
E-mail: seyba.alum@gmail.com

Biex iċ-ċelebrazzjonijiet ikomplu fuq l-ogħla livell issa għandna dan il-Kunċert ‘’Missa Brevis’’ li ser isir fil-Katidral Metropolitan ta’ San Pawl fl-Imdina, li għalih ilna li għamilna l-arranġamenti tiegħu biex inġibuh għall-ewwel darba f’Malta lil Maestro Jacob de Haan minn Novembru tal-2020, fejn il-preparamenti ilhom xhur għaddejjin fejn minbarra l-Mro Jacob de Haan ser jieħdu sehem ukoll il-Kor Bel Canto mmexxi minn Mro Hermann Farrugia Frantz, li huwa wkoll il-Maestro di Cappella tal-Kolleġġjata ta’ San Pawl, kif ukoll ser jieħu sehem ukoll is-Sopran Rosabelle Bianchi, il-Baritonu Louis Andrew Cassar u l-Vjolinista Belti magħruf George Curmi l-Pusè u s-Surmast Direttur tas-Società Mro. Dominic Darmanin.

Għal dan il-kunċert Mro Jacob de Haan li l-kompożizzjonijiet tiegħu jiġu esegwit f’diversi pajjiżi madwar id-dinja kollha, fosthom fl-Olanda, l-Ġermanja, Franza, l-Istati Uniti, il-Brażil, l-Awstralja, Singapore u l-Korea t’Isfel. Għandu diversi xogħlijiet imfittxija fosthom Oregon, Ammerland, La Antigua, Everest, Concerto d’Amore, Legend of the Mountain u l-kapolavur Free World Fantasy. Insibu wkoll il-kompożizzjoni oriġinali għall-kor u l-Wind Band li tinkludi l-movimenti tal-Kyrie, Credo Sanctus, Benedictus u Agnus Dei.

Is-Società taghna hija rinomata għal dawn il-kunċerti u jiena ċert li d-dilettanti tal-mużika sagra, korali, u dik oriġinali għall-banda għandhom biex jitpaxxew jaraw għall-ewwel darba f’Malta lil Mro Jacob de Haan jidderieġi l-kapolavuri tiegħu. Għalhekk bħalma qed taraw il-Kumitat tad-Direzzjoni reġa’ ħejja kunċert ta’ livell għoli biex ikompli jikseb suċċess ieħor ma’ dawk il-ħafna suċċessi li diġà kisbet is-Società tagħna tul dawn il-150. Inħeġġigkom biex tkomplu tattendu għaċ-ċelebrazzjonijiet li għandna ppreparati fejn ser norganizzaw f’kunċert ieħor kbir wara dan, fejn nhar il-Ġimgha 26 t’ April 2024 se jittella’ kunċert bl-isem “Uno Stradivari Per La Filarmonica Nazionale La Valette” bis-sehem ta’ 70 mużiċist minn Schola Cantorum Ars Nova u l-Accademia Concertante d’Archi minn Milan l-Italja li ser issir fil-Knisja Kolleġġjata ta’ San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

Nagħlaq dan il-messaġġ l-ewwel nett billi nirringrazzja li kull minn kien ta’ sostenn u ta l-għajnuna kollha tiegħu b’mod speċjali lil Carl Farrugia biex stajna lestejna dan il-ktieb kommemorattiv, kif ukoll lil kull minn għoġbu jirreklama f’dan il-ktieb. Nappella lil kulħadd biex tagħmlu użu minn dawn il-ħwienet u kull prodott li ssibu fil-ktieb. Lill-President u lil sħabi tal-kumitat tal-fiduċja li ttuni, lill-familja kollha tiegħi tal-paċenzja li tieħu bija fejn ħafna mill-ħin ma nkunx magħhom minħabba l-impenji kontinwi tas-Società, biex flimkien inkomplu niksbu aktar suċċessi għas-Società Glorjuża Tagħna. “Siam de La Valette”






# Montekristo Brewery
## Freshly brewed Beer

**Tel: 22033000**
**Email: info@montekristo.com**
**FB: brauerei montekristo**





CAMILLERI
CATERING
FOR ALL YOUR CATERING NEEDS
The finest choice for all business events, including Office Receptions, Staff Parties, Business Breakfasts, Meetings & Conferences, Workshops, Corporate Lunches and Dinners.
Camilleri Catering | 13-20, M. Borg Gauci Street, Tal-Handaq, Qormi QRM 4000
info@camillericatering.com | +356 2147 2255 | www.camillericatering.com



NERIKU
CATERING

your events & weddings caterer

E sales@neriku.com | T (+356) 2166 0505 | W neriku.com



# 150 Sena Kontribut ta' Unuri u Suċċessi

*Vince Farrugia Lauri - Segretarju tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*



Huwa fatt magħruf li Società La Valette llum hija parti integrali mill-istorja ta' pajjiżna fil-qasam mużikali. Il-kisbiet passati u dawk li qegħdin niksbu llum ikomplu jsaħħu l-pożizzjoni li għandha Società fejn bla dubju tinsab fl-ogħla livelli kemm mil-lat bandistiku kif ukoll mill-istorja glorjuża tagħha.

Illum li qegħdin ngħixu dawn iż-żminijiet tant għeżież għal din is-Società li qiegħda ġġorr 150 sena ta' mixja li ma waqfet qatt tagħmel unur lil pajjżna u lil isimha. 150 sena li b'umiltà poġġew lis-Società fil-quċċata tas-suċċessi.

Il-kumitat taħt il-Presidenza tas-Sur Jonathan Grima jinsab impenjat sabiex kif jixraq nikkomemoraw dan l-anniversarju. Sa minn Ottubru tas-sena 2023 il-kumitat ħabrek bis-sħiħ sabiex organizza diversi attivitajiet kontinwi li dejjem kisbu l-ammirazzjoni u suċċessi mixtieqa. Il-kunċert li sar mill-kompożitur bravu Mro Mons. Marco Frisina li sar fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann li bla dubju kiseb l-aqwa tifħir u ġie issiġillata minn dawk preżenti li La Valette hija l-aqwa banda fil-Gżejjer Maltin. Dan jikkonferma l-impenn serju u professjonali tal-kumitat preżenti.

B'viżjoni u determinazzjoni l-kumitat ikompli jħares 'l quddiem u ma jieqafx jaħdem sabiex ikompli jgħolli isem is-Società La Valette. Illum, f'inqas minn 4 xhur qegħdin nerġgħu nippreżentawlkom lill-banda La Valette taħt id-direzzjoni ta' kompożitur ieħor ta' fama mondjali Jacob De Haan. Il-kompożizzjonijiet tiegħu huma magħrufa mad-dinja kollha – speċjalment ix-xogħlijiet li huma bbażati fuq kombinazzjonijiet ta' stili bħall-mużika tal-films. Oregon, il-kompożizzjoni l-aktar interpretata tiegħu, ġabet l-avvanzi internazzjonali tiegħu. L-opri tiegħu għall-banda tikkonsisti wkoll f'xogħlijiet ta' kunċerti differenti, xogħlijiet qosra ta' mużika divertiment, u marċi. Jikteb ukoll diversi arranġamenti ta' xogħlijiet korali klassiċi. Jacob De Haan ser ikompli iżid il-prestiġju ta' din is-Società b'ittri tad-deheb mal-kompożituri bravi li fil-passat taw is-servizz tagħhom lil La Valette.

Nislet parti minn dak li kiteb Peter Paul Ciantar fil-ħarġa (*The voice of the Maltese 27-10-2020. Paġna 9*.) **"Naffaxina ruħi xħin nidħol fil-Każin tal-Banda La Valette fi Triq ir-Repubblika, il-Belt, u fuq ġewwa, ma' waħda mill-arkati nara lapida importanti ħafna. Din tiġbor fiha l-ismijiet ta' kompożituri kbar u ta' fama internazzjonali li żaru dan il-każin."** Anke il-Malta Letterarja rrikonoxxiet il-kobor ta' din is-Società meta f'Settembru ta' 1927 marret tikteb hekk "**Inħossuna fid-dmir li nifirħu b'mod partikolari lill-Filarmonika Nazzjonali La Valette flimkien mad-diriġenti tagħha u surmast famuż tagħha l-Kav. Botti. Li tesegwixxi b'perfezzjoni programmi mużikali ta' kwalità fl-iScala u fil-Pinico, prestiġju enormi u patrijottiku."**

Il-Kunċert tal-lum huwa kontinwazzjoni mal-passat li jgħaqqad il-preżent sabiex ikun il-pass għall-futur lil din il-glorjuża banda La Valette tkompli l-mixja tagħha fil-kisbiet kbar li għadd trid tagħmel.

Nifirħu llum f'dan l-anniversarju lil din is-Società La Valette imwaqqfa mill-ġentlomi fid-19 ta' Ottubru 1874 uffiċjalment dokumentata l-ewwel banda fil-belt kapitali Valletta kostruwita b'att notarili ta' Giovanni Pullicino (Arkivji Notarili:25-1024.)

Siam De La Valette.

# BONNICI'S PRESS

Est.1924

**Digital & Offset Printers**

*99 Years of Printing Service*

36, St. Paul Street, Valletta

T:2122 8138 - 2122 4607

M: 9987 0603

E: emibonnici@gmail.com


NENU
THE ARTISAN
BAKER
Rabbit Liver
Coctail: Ir-Ratal
Octopus stew
Authentic
MALTESE RESTAURANT
Fried Rabbit with Rabbit Jus
143, St Dominic Street, Valletta 22 581 535
4, Main Street, L-Imġarr 22 581 570
www.nenuthebaker.com
nenuthebaker@maypole.com.mt


Granelli
Granelli
CAFFÈ • PASTICCERIA
VALLETTA 22 261 652
RABAT 22 261 651
GRANELLI.COM

# Assikura
INSURANCE BROKERS PCC LTD.

## We provide insurance solutions through our network of local and overseas providers to protect your assets, financial exposures and liabilities including:

- PROPERTY DAMAGE
- BUSINESS INTERRUPTION
- LIABILITY INSURANCE (INCLUDING EMPLOYERS LIABILITY AND PUBLIC LIABILITY)
- ENGINEERING INSURANCE (INCLUDING ELECTRONIC EQUIPMENT, MACHINERY BREAKDOWN AND BUSINESS INTERRUPTION)
- PERSONAL INSURANCE
- MARINE INSURANCE
- MONEY
- GROUP PERSONAL ACCIDENT INSURANCE
- CONTRACTORS ALL RISKS INSURANCE
- GROUP HEALTH
- GROUP LIFE
- PRIVATE, COMMERCIAL & VINTAGE MOTOR VEHICLE INSURANCE
- CYBER
- MEDICAL MALPRACTICE
- PROFESSIONAL INDEMNITY
- DIRECTORS & OFFICERS LIABILITY
- FREIGHT FORWARDERS TRANSPORT LEGAL LIABILITY



**Assikura Insurance Brokers PCC Limited (company registration No. C-28074) is authorised to carry out insurance intermediaries activities and is licensed and regulated by the Malta Financial Services Authority (MFSA) of Triq l-Imdina, Zone 1, Central Business District, Birkirkara, Malta, CBD 1010**

2247 1700 ASSIKURA@ASSIKURA.COM WWW.ASSIKURA.COM

ASSIKURA BUILDINGS, OLD RAILWAY TRACK, SANTA VENERA, SVR 9017, MALTA FIND US ON

# Diretturi ta' fama jidderieġu lill-Filarmonica La Valette - minn Luigi Carabott għal Jacob de Haan

*Cav. Dott. Tonio Portughese, Membru Onorarju tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*

Il-kunċert li ser jidderieġi l-kompożitur l-famuż ta' mużika bandistika kontemporanja, direttur u għalliem, Mro Jacob de Haan, jingħaqad ma' lista ferm prestiġjuża ta' surmastrijiet famużi.



Mis-sena tal-fondazzjoni tal-1874, l-ewwel surmast-direttur Mro Luigi Carabott bena s-sisien bit-tfittxija ta' livelli li komplew iżejnu u jikkaratterizzaw lill-Filarmonica La Valette, li bir-raġun kisbet dimensjoni nazzjonali.

**PER RICORDARE AI POSTERI**
Irħama kommemorattiva fis-sede tas-Società tagħti ġieħ lil għadd ta' mużicisti u kompożituri ta' statura mondjali u li ddirigew lill-Filarmonica La Valette, fosthom:
Commendatore Alessandro Vessella, 1922
Riccardo Zandonai, 1931
Giuseppe Mulè, 1933
Ottorino Respighi,1933
Licinio Refice, 1933



*Is-Surmast Ottorino Respighi,*

**Viżjoni Dejjem Rilevanti**
Tul dawn il-150 sena s-Società baqgħet dejjem imnebbħa minn valuri ta' kwalità kulturali. Għaldaqstant ħatret surmastrijiet kompetenti u professjonali kif wieħed jista' jara mis-suċċessi miksuba f'Malta u f'pajjiżi oħra.

Dawn il-pedamenti wasslu biex il-Banda La Vaelette xorbot mil-livelli speċjali tal-mudelli ta' "orchestra di fiati", ħoss uniku li tiddistingwi l-formazzjoni b'eleganza b'orjentament lejn espressjoni orkestrali. Nistgħu naraw spinta f'dan is-sens mit-tmexxija ta' surmastrijiet storiċi fosthom Gregorio Lucia, Alessandro Vessella, Giuseppe Vitaliti u Ettore Mattioli.

Taħt Mro Vessella l-Filarmonica La Valette kitbet paġna memorabbli bil-kunċert fl-10 ta' Ġunju 1922 fit-Teatru Rjal fil-Belt Vallette bil-Fantasia mill-Opra Rigoletto ta' Giuseppe Verdi fost applawsi mill-udjenza u għajjat ta' "Viva l-Banda La Valette" u "Viva s-Surmast Vessella". Il-quċċata ntlaħqet minn Mro Cardenio Botti li jibqa' magħruf mhux biss għax mexxa lill-Filarmonica La Valette fit-trijonf storiku fil-Konkors Bandistiku Internazzjonali f'Como, l-Italja, iżda għad-dixxiplina, eleganza u raffinatezza li kkaratterizzaha bihom u li għadha magħrufa għalihom sal-lum.

**Vjaġġ ta' Eċċellenza fid-Direzzjoni Mużikali**
Eqreb lejna fis-seklu għoxrin insibu l-ewwel nett lis-surmast Giuseppe Camilleri (1937-1968), lis-Surmast Joseph Sammut (1970-2007) b'kunċerti tal-ogħla livell u preżentement lis-Surmast Dorminic Darmanin mis-sena 2008 b'mod partikulari l-kunċert operistiku *Omaggio A Giuseppe Verdi*. Huma diretturi li komplew jarrikkixxu lis-Società b'esekuzzjonijiet operistiċi u klassici fl-aqwa tradizzjoni tagħha.








Come Visit Us
Triq iċ-Ċiklamini, San Gwann
(Next to Lidl)

5 BEANS

COMING SOON TO VALLETTA



*Is-Surmast Antonino Oddo jidderieġi l-Banda tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette waqt il-kunċert La Sollevazione di Cristo*

Grazzi lis-surmast Camilleri, is-Società bdiet tippreżenta kull sena kunċert ċelebrattiv għar-Rebħa f'Como, pjattaforma impenjattiva biex il-Filarmonica La Valette tkompli ttejjeb il-prestazzjonijiet tagħha.

Għadu frisk f'moħħna l-kunċert ta' mużika funebri bis-sehem tas-surmast ħabib tagħna Mro Antonino Oddo u l-ġmiel ta' kompożizzjoni La *Sollevazione Di Cristo.* Mons. Mro Marco Frisina kompla jiddistingwi lill-Filarmonica Nazionale La Valette bid-direzzjoni tiegħu stess tal-kunċert memorabbl*i Apostolo delle Genti.*

Jacob De Haan ikompli jsebbaħ dawn il-paġni glorjużi għall-ewwel darba f'Malta bil-Kunċert Speċjali ta' mużika oriġinali tiegħu stess.

Hija kullana prestiġjuża ta' Diretturi Muzikali li tul is-snin għollew ferm 'il fuq is-superjorità mużikali u kulturali bl-aqwa kredenzjali ta' kwalità u eċċellenza li jikkaratterizzaw u jiddistingwu lil din is-Società b'dimensjoni Nazzjonali u Internazzjonali.



*Is-Surmast Riccardo Zandonai*

# Għall-Induraturi

## Deheb, fidda, aluminium u artikli kollha ghall-induratura





Miftuħin mit-Tnejn sal-Ġimgħa
mit-8.30a.m. sal- 5.00p.m.

100 YEARS
1923 - 2023

E. THEUMA & COMPANY LTD.

Theuma House, 302, St. Paul Street, Valletta VLT 1213
Tel: +356 2123 4075 / +356 2123 6605
Email: info@etheuma.com    www.etheuma.com

•VALLETTA•

# LUCIANO

RESTAURANT · CETTINA CAFÉ · LOUNGE BAR

BOUTIQUE ACCOMMODATION

21, 22 MERCHANT STREET,
VALLETTA
TEL: 21236212


PREMIUM DRINKS & VALLETA VIBES
Thirty Three STEPS
185 St. Lucia's Street, Il-Belt Valletta
(+356) 9951 1854
BOOK YOUR PRIVATE EVENT WITH US

# Il-Pellegrinaġġ fil-Belt ta' Ruma

*P. Victor Paul Farrugia O.Carm*
*Direttur Spiritwali tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*

Mis-6 sad-9 ta' Frar ta' din is-sena fl-okkażjoni tal-150 sena mit-Twaqqif tas-Soċjetà, 56 persuna ħallew Malta biex f'isem is-Soċjetà jagħmlu Pellegrinaġġ fil-Belt Eterna fuq il-Passi tal-Appostlu Missierna San Pawl.

Dan il-Pellegrinaġġ beda fil-Bażilka ta' San Paolo Fuori le Mura, fejn il-pellegrini ġew milqugħa mill-Arċipriet tal-istess Bażilika, l-Kardinal James Michael Harvey, fejn wara li qalilna kelmtejn tal-okkażjoni, il-President flimkien mad-Direttur Spiritwali ppreżentawlu Tifkira tal-Pellegrinaġġ, kif ukoll l-invit biex jippresiedi l-Quddiesa tal-għeluq taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-150 sena. Il-pellegrini mbagħad daħlu fil-Bażilka mill-Bieb prinċipali filwaqt li l-Kardinal ta' lil kull wieħed u waħda Santa tal-Appostlu Missierna bħala tifkira. L-Ewwel Quddiesa ġiet iċċelebrata fil-Kappella ta' San Benedittu fl-istess Bażilka, fejn fl-omelija tiegħu d-Direttur Spiritwali P. Victor Paul Farrugia O.Carm, tkellem dwar r-rabta ta' San Pawl ma' gżiritna s-sinifikat ta' dak il-post għalina bħala Maltin u għas-Soċjetà tagħna. Wara l-pellegrini kellhom ċ-ċans li mhux biss jisimgħu spjegazzjoni dwar l-istess Bażilka minn Mons. Paul Carmel Vella, imma wkoll iduru l-Bażilka u jitolbu fuq il-Qabar tal-Appostlu Missierna San Pawl. Kien mument mill-isbaħ għal kull pellegin.

Minn din il-Bażilka l-pellegrini ttieħdu f'post ieħor signifikattiv, dak tal-Abbazia delle Tre Fontane, fejn fost l-oħrajn żaru l-Knisja ta' San Paolo al Martirio, fejn skont it-tradizzjoni San





Pawl ingħata l-Martirju. Wieħed hemm seta' jara l-Kolonna tal-Martirju li parti minnha ingħatat lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata tagħna mill-Papa Piju VII, f' Mejju 1818, bħala rikonoxximent lill-Kapitlu għas-servizz li ta fil-pesta tal-1813. Kif ukoll it-tliet postijiet fejn wara li nqatgħet minn ma' ġismu r-Ras ta' San Pawl qabżet għal tliet darbiet u minn hemm ħareġ l-ilma, u għalhekk dan il-post jismu Tre Fontane. Dan huwa post ieħor importani li kull Malti u Pawlin għandu jżur.

Fil-Jum tal-Erbgħa 7 ta' Frar, il-pellegrini qabdu t-triq għall-Udjenza mal-Papa Franġisku, f'Aula Paolo VI (jew kif inhi magħrufa wkoll Sala Nervi). Quddiem Sala ppakkjata b'pellegrini minn diversi pajjiżi l-Papa Franġisku, fil-mixja ta' katekeżijiet fuq il-vizzji u l-virtujiet, tkellem fuq vizzju pjuttost ikrah, id-diqa, jiġifieri t-taqtigħ ta' qalb, li spiss iħabbat lill-bniedem u jżommu milli jġarrab il-ferħ tal-ħajja. Wara d-diskors tal-Papa u t-traduzzjoni tal-istess diskors b'lingwi differenti, l-Papa ta l-Barka tiegħu, mbagħad minkejja li kien hemm il-wegħda li l-pellegrini kollha jieħdu ritratt mal-Papa, ġew imsejjħa biss l-President s-Sur Jonthan Grima, il-Viċi President s-Sur Lino Bartolo u d–Direttur Spiritwali P. Victor Paul Farrugia O.Carm, biex jersqu għal dik imsejħa bħala l-bacia mano. Filwaqt li huma sellmu l-Papa meta wasal ħdejhom, id-Direttur Spiritwali f'isimhom u f'isem il-Pellegrini kollha ppreżenta lil Papa frame tal-fiddi bix-xbieha tal-Apposltu Missierna San Pawl xogħol

# jewel box




8, Merchants Street,
Valletta
Tel: 27042247



Melchiorre Gafà b'iskrizzjoni fuqha li tfakkar l-istess pellegrinaġġ. L-Papa wera nteress kbir jisma' l-ispjegazzjoni u meta ngħata l-frame bies ix-xbieha tal-Appostlu Missierna. Din hija paġna tad-deheb li tkompli tagħni l-istorja tal-istess Soċjetà. Wara dan l-pellegrini ttieħdu fil-Knisja ta' San Paolo alla Regola, li tinsab fil-kwartieri Lhud tal-Belt ta' Ruma, u skont tradizzjoni antika Pawlu kien joqgħod hemmhekk jgħallem u jlaqqa' n-nies dejjem bil-preżenza ta' suldat miegħu. Il-Quddiesa f'din il-Knisja tqaddset mill-Kan. David Torpiano, li fil-kelmtejn wara l-Vanġelu tkellem dwar l-Ittri li San Pawl kiteb minn hemmhekk lil diversi komunitajiet insara. Wara dan il-pellegrini setgħu jżuru wkoll kappella mdaqqsa li tidħol għaliha mill-istess Knisja li tfakkar il-qagħda tal-Appostlu Missierna f'dak il-post.

Matul dawn il-ġranet il-pellegrini kellhom l-opportunità l-opportunità li jżuru diversi postijiet ta' intress kemm storiku kif ukoll kulturali. Fil-fatt fil-ġurnata tat-8 ta' Frar, grupp minnhom żar ukoll il-Musei Vaticani kif ukoll il-Kapella Sistina.

Fl-għodwa tal-aħħar ġurnata l-pellegrini nġabru fil-Bażilka ta' San Pietru fil-Vatikan biex jiċċelebraw il-Quddiesa. Din ġiet iċċelebrata minn Mons. Paul Carmel Vella fil-Kripta tal-Bażilka fuq l-artal li jiġi quddiem il-Qabar tal-Appostlu San Pietru. Fil-kelmtejn tiegħu Mons. Vella tkellem fuq l-għixien tal-fidi, u kif ir-rabta tagħna mal-Appostlu Missierna trid tintwera wkoll fl-għejxien tal-istess fidi. Wara l-Quddiesa l-pellegrini kellhom l-opportunità li jżuru l-istess Bażilika.

Dan il-pellegrinaġġ kien mument importanti ħafna fost id-diversi inizjattivi u attiviatjiet li s-Società qed torganizza biex tiċċelebra dan l-Anniversarju glorjuż. Wieħed ma jistax ma jirrigrazzjax mhux biss il-President u l-Kumitat tad-Direzzjoni tal-istess Società, imma wkoll lil dawk kollha li ħadmu biex organizzaw dan il-Pellegrinaġġ u kien ukoll ta' suċċess, imma wkoll lil dawk kollha li kienu parti minnu għaliex mingħajr il-preżenza tagħhom dan ma kienx ikun possibbli.



Palazzo Preca offers a broad range of Maltese & Mediterranean food our specials board offering mouth watering cuts, while the desserts are also Home-made.

**PALAZZO PRECA RESTAURANT**
54, Strait Street, Valletta, Malta
Tel: (+356) 2122 6777 Mob: (+356) 9986 6640 / 9984 6866
Email: info@palazzoprecarestaurant.eu

**palazzoprecavalletta.com**

Scan the QR Code to view our Booking Times


Carmine's
Old Bakery Street, Valletta
Tel: 21239919
Mobile: 79819004


Old Bakery's Kitchen
South Street, Valletta
Tel: 21233983
Mobile: 79819004




# La Valette

## Bar & Restaurant

**297, Republic Street, Valletta**

**Jason Grech - 77109310**





# It-Tbatija ta' Ġesù

*P. Victor Paul Farrugia O.Carm*
*Direttur Spiritwali tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette*

*Kristu wkoll bata għalikom u* ħallielkom *eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu.* Hekk imur jgħidilna San Pietru fl-ewwel ittra tiegħu. U fil-ġranet tar-Randan u f'dawn il-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa aħna nieqfu fuq l-istazzjonijiet u nirriflettu fuq il-Passjoni ta' Ġesù, li bata biex isalvana. Iżda forsi meta nitkellmu mit-tbatija ta' Ġesù, l-aktar li nieqfu hija fuq it-tbatija fiżika, però ta' min inħarsu ftit lejn it-tbatija ta' Ġesù f'perspettiva aktar wiesgħa.

U għalhekk nixtieq nieqaf ftit fuq it-tbatija emozzjonali ta' Ġesù. Fil-bidu tal-missjoni tiegħu hu jiġbor madwaru 12-il raġel li sejħilhom appotli, li kienu dejjem qrib tiegħu, li qalilhom affarijiet li ma qalhom lil ħadd aktar. Kien hemm sens kbir ta' ħbiberija, fil-fatt hu jgħidilhom insejħilkom ħbieb. Imma minkejja din l-esperjenza tant qawwija, mhux kulħadd ħalla din l-esperjenza tidħol fil-fond ta' qalbu u tibdlu. Kien hemm min baqa' jara lil Ġesù bħala mexxej politiku, u fost dawn insibu lil Ġuda. Dan il-bniedem li ried jipprova lil Ġesù, u għalhekk mar ibiegħu għal 30 biċċa tal-fidda. U Ġesù fuq il-mejda jmur jistqarr b'qalbu maqsuma li wieħed minn dawk ta' madwaru kien se jittradih, il-flus għamewh, ipprefera d-dlam aktar mid-dawl. X'weġgħa, meta tiġi ttradut minn dawk li tafda, l-aktar dawk li huma qrib tiegħek. Forsi aħna nitkażaw b'Ġuda, imma xi kultant aħna wkoll inkunu tradituri, ma' dawk ta' madwarna.

*Ma nafux*, mar jgħid għal tliet darbiet dwar Ġesù, Xmun Pietru, is-sajjied, li Ġesù ħares lejh u għażlu, dak li kien jieħdu miegħu kullimkien u wrieh ukoll il-glorja tiegħu. *Naħlef li ma nafux*, avolja Kristu kien qallu li kien se jiċħdu u Pietru qal li dan ma kienx se jseħħ, imma fil-fatt




MORGAN
MORGAN DE TOI
SLIEMA | VALLETTA | MOSTA | GOZO



Kif żgur bata minħabba l-attitudni tal-poplu Lhudi, dan il-popu li ftit qabel għajjat *Hosanna, imbierek min ġej f'isem il-Mulej*. Imma meta ġie l-mument tal-prova, waqa' għat-tixwix u għajjat *sallbu, neħħieh*. Għażel kriminal flok bniedem innoċenti, Salvatur. Minjaf kemm aħna wkoll ngħajtu sallbu lil ħutna, minjaf kemm f'mumenti iebsa nwarrbu lil dak li tana l-ħajja u tant iħobbna. Ġesù l-bniedem li qatt ma jaddi żmienu. Però anke meta kien minxur fuq is-salib ġie mgħajjar u mżeblaħ, anke min dak li kien ikkundannat u msallab ħdejh. Għax kif jgħidilna Ġesù, mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm. U aħna wkoll irridu nistaqu x'hemm fil-qalb tiegħi? Xsentimenti hemm? Kif qegħdin jiġu riflessi fir-relazzjonijiet tiegħi u ma' dawk ta' madwari? Jew dak li nagħmel nagħmlu biss biex nidher, għax filkas ma jiswa' għal xejn.

seħħ. Iva, il-biża' li ħakmitu, imma dan wasslu biex ċaħad lil dak li qalbu kienet tant tħobb. U l-Vanġelu jgħidilna li Kristu ħares lejh, b'dik il-ħarsa ta' ħniena imma mnikkta, il-magħżul jiċħad lill-Imgħallem. Il-Fiduċja, li xi kultant aħna wkoll niċħduha, minħabba d-diskors tagħna, biex forsi nidhru sbieħ, il-kalunji, u d-diskors fieragħ, u ma nirrealizzawx kemm ħaddieħor ibati minħabba din l-attitudni.

Imma ma nistawx nieqfu hawn għax kien hemm disa' oħra, li kif raw il-gwaj fil-Ġetsemani minkejja li kienu qalu li kienu se jiddefendu lil Ġesù, imma ħarbu 'l hemm. U Ġesù jispiċċa waħdu, jgħix dan il-mument fis-solitudni. L-aktar mument kruċjali u jinsab waħdu. L-aktar nies qrib tieghu telqu. Minjaf kif ħassu Ġesù, x'għafsa ta' qalb. U jien fejn jien għall-oħrajn? Jiena baħri tal-bnazzi biss, jew inkun preżenti wkoll fil-maltemp?

Imma Ġesù xorta jibqa' jkollu fiduċja f'dawn il-persuni, ftit qabel ħaslilhom saqajhom, tahom ir-rigal ta' Ġismu u Demmu. Dan hu l-Mulej tagħna li ma jħarisx lejn l-uċuħ minkejja li l-azzjonijiet tagħna jweġġawh.

Din it-tbatija Ġesù batieha, u ma rribellax, minkejja li swietu ħajtu. U għalhekk tana eżempju biex nimxu fuqu, minkejja li t-triq hija iebsa, imma ma naqtgħux qalbna, għax nafu li hu jimxi magħna, pass pass. Jalla din it-tbatija li ngħaddu minnha tippurifikana u tibdilna biex insiru nixbhu dejjem aktar lil Krsitu u nkunu ta' dawl għall-oħrajn.




Recommended by
Lovin Malta
2024
lovinmalta.com
2023
Travellers' Choice
Tripadvisor
sandwich
GRANO
aperitivo
granovalletta
21242718
St. Lucia Street, Valletta

Gioielleria
ZAMPA




12, REPUBLIC STREET, VALLETTA.
WWW.SERGIOZAMPA.COM

# Programm

## ADAGIO in Sol minore

Mużika: Tomaso Albinoni/Remo Giazotto

## MESSA BREVIS

Mużika: Jacob de Haan
Ikantaw: Coro Bel Canto
Sopran Rosabelle Bianchi
Baritono Louis Andrew Cassar

## NIMROD (from Enigma Variations)

Mużika: Edward Elgar

## PRO PECCATIS (from Stabat Mater)

Mużika: Gioachino Rossini
Ikanta: Baritonu Louis Andrew Cassar

## YELLOW MOUNTAINS

Mużika: Jacob de Haan

## IN MEMORIAM

Mużika: Jacob de Haan

# Missa Brevis

## TROIS ODELETTES

**Mużika: Jacob De Haan**

**Tkanta: Sopran Rosabelle Bianchi**

## TO A FRIEND

**Mużika: Jacob de Haan**

## FILADELFIA

**Mużika: Jacob de Haan**

## THEME from SCHINDLER'S LIST

**Mużika: John Williams**
**Solo Violin: George Curmi (Pusè)**

## INNO LA VALETTE

**Kliem u Mużika: Mro Cardenio Botti**
**Tkanta: Sopran Rosabelle Bianchi**

## INNU MALTI

**Kliem: Dun Karm Psaila/**
**Mużika: Mro Robert Samut**

CAMILLERI

tal-Ħelu

- SINCE -
1843

# 180 years of making *your* life sweeter



When Calcedonio Camilleri founded the family business in 1843, concepts like quality, honesty, reliability and trust were not quaint. Instead they formed an ethos by which the family business was naturally conducted. Generations later, Calcedonio's confectionery on Merchants Street in Valletta is still the company's flagship store and although a lot has changed through the years, our values remain the same.

PART OF THE CAMILLERI GROUP OF COMPANIES AND CAMILLERI FINANCE PLC

**Adagio in SOL minore**

L-Adagio in SOL minore, li hija attribwita lil Tomaso Albinoni, hija kompożizzjoni sabiħa ħafna. L-oriġini tagħha jmorru lura għas-seklu 20. Remo Giazotto, mużikoloġist Taljan, skopra framment ta' manuskritt ta' Albinoni waqt li kien qed jagħmel riċerka fi Dresden wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Ispirat minn din l-iskoperta, Giazotto reġa' ħoloq din is-silta filwaqt li inkorpora t-tema ta' Albinoni. Din is-silta Barokka kkaratterizzata mill-melodija tad-dwejjaq, armonija melankoniċi u espressiva profonda. Din is-silta tintuża f'diversi okkażjonijiet solenni u mumenti riflessivi minħabba t-ton solenni u introspettiva. Is-sempliċità tas-silta twassal emozzjonijiet kbar. Hija testment tas-sbuħija dejjiema tal-mużika u trasformazzjoni tal-espressjoni artistika.

**Missa Brevis**

Il-Missa Brevis hija xogħol monumentali ta' Jacob de Haan li juri l-viżjoni artistika tal-kompożitur. Il-Missa Brevis, li tfisser il-quddiesa l-qasira fil-Latin, hija kompożizzjoni sagra korali li toħroġ mit-tradizzjoni rikka tal-liturġija Kattolika.Il-ġenesi tal-Missa Brevis tmur lura għall-faxxinu ta' de Haan għall-mużika sagra u s-sbuħija bla żmien tal-forma liturġika. Ispirat mill-wirt kbir tal-mużika korali, de Haan jagħti ġieħ lit-tradizzjoni filwaqt li jżid magħha l-vuċi tiegħu partikolari.Is-silta hija miktuba għall-kor u l-banda tan-nifs kkummissjonata mill-Kunsilli Dipartimentali tal-Mużika u l-Kultura ta' Haute-Alsace f'Guebwiller fi Franza bħala ċelebrazzjoni tal-millenju mit-twelid ta' Papa Ljun IX li twieled fil-belt ta' Éguisheim fi Franza. L-ewwel darba li ndaqqet taħt it-tmexxija ta' Jacob de Haan kien fit-23 ta' Ġunju, 2002 għat-televiżjoni Franċiża France 2.

**Nimrod**

Nimrod hija d-disa' varjazzjoni mill-Engima Variation ta' Sir Edward Elgar. Miktuba fl-1899, din is-silta mużikali profonda nkitbet għall-ħabib u pubblikatur ta' Sir Edward, Augustus J. Jaeger. Is-silta tiftaħ b'tema solenni u nobbli, li titwassal permezz ta' armoniji sijuri u melodiji għoljin. Il-varjazzjoni tirreferi għall-figura biblika Nimrod, magħruf għas-saħħa kbira u t-tmexxija. F'dan il-kuntest "Nimrod" jissimbolizza l-qawwa tal-ħbiberija u rabtiet dejjiema li jgħaqqdu l-individwi. Permezz tal-espressjoni mill-qalb u s-sinċerità profonda tiegħu, "Nimrod" iservi bħala medjazzajoni dwar il-ħbiberija, l-għaqda u l-ispirtu uman. Matul is-snin, "Nimrod" saret sinonima ta' tifkira u spiss tindaqq f'okkażjonijiet solenni bħal servizzi ta' tifkira u avvenimenti kommemorattivi. Ir-reżonanza u s-sbuħija dejjiema tigbed l-udjenzi madwar id-dinja, u tibqa' żżomm il-post tagħha bħala waħda mill-aktar kompożizzjonijiet dejjiema u għeżież Elgar.

**Pro Peccatis**

"Pro Peccatis," hija aria mill-i"Stabat Mater" ta' Gioachino Rossini li tinkorpora l-essenza tat-tbatija umana u l-fidwa. Komposta fl-1832, din il-biċċa xogħol tirrifletti fuq in-niket ta' Marija, omm Ġesù waqt il-passjoni. L-aria tibda b'melodija qarsa li tesprimi l-piż tad-dnub tal-bniedem u d-dwejjaq li ġġib magħha. Hekk kif il-mużika tiżvolġi, Rossini jimpjega armoniji u orkestrazzjoni espressiva biex twassal il-profondità tat-tbatija umana. Madanakollu, fost il-disprament, "Pro peccatis" toffri farkiet ta' dawl. Il-linji melodiċi ta' Rossini jogħlew b'sens ta' xewqa u aspirazzjoni, u b'hekk jieħdu t-tama għas-salvazzjoni u l-maħfra. Il-mużika tibni fuq il-quċċata qawwija, fejn il-vuċi tas-solist togħla 'l fuq mill-orkestra, u tesprimi sens profond ta' riżoluzzjoni u traxxendenza spiritwali.

**Yellow Mountains**

"Yellow Mountains" ta' Jacob de Haan huwa vjaġġ mużikali fil-paesaġġi u l-wirt kulturali kbir tal-Muntanji Huangshan li jinsab ċ-Ċina. Komposta fl-2012, din il-poeżija sinfonika tiġbor l-essenza ta' din il-mistoqsija naturali emblematika, magħrufa għall-qċaċet majestiċi tagħha, is-siġar tal-arżnu tal-qedem, u s-sbuħija etereali. Permezz ta' melodiji evokattivi u orkestrazzjonijiet, de Haan ħoloq ritratt vivaċi tal-pajsaġġi li jispiraw f'Huangshan.Din is-silta tagħti wkoll omaġġ lit-tradizzjonijiet kulturali rikki tar-reġjun, u tinkorpora elementi ta' mużika folkloristika Ċiniża u melodiji antiki. Ir-ritmi

1974

PHOTOCITY

VALLETTA

57, South Street, Valletta VLT 1102
email; mario.photocity@gmail.com
Tel; +356 21236723 mob; + 356 99496481

PASSPORT PHOTOS IN FEW SECONDS

Vigo

TAILORS

68/69, South Street, Valletta.
T 2123 6001
E vigomenswear@gmail.com
f VIGO MEN'S WEAR

perkussivi u l-iskali pentatoniċi tagħti lill-mużika sens ta' vitalità u dinamiżmu, li jirriflettu l-ispirtu vibranti tal-poplu Ċiniż. Peress li l-mużika tibni għal final klimatiku, s-semmiegħa jiġu ttrasportati għall-quċċata tal-muntanja Huangshan, fejn jħoss sena ta' sbuħija.

**In Memoriam**

"In Memoriam" hija kompożizzjoni ta' Jacob de Haan li tagħti omaġġ lil dawk li ħalllew din id-dinja. Miktuba fl-2009, dan ix-xogħol huwa riflessjoni mużikali fuq it-telf, il-kommemorazzjoni, u l-qawwa dejjiema tal-memorja. Il-mużika tiżvolġi b'sens ta' reverenza solenni, hekk kif il-melodiji u l-armoniji jevokaw sentimenti ta' dwejjaq u introspezzjoni. Madankollu, f'nofs in-niket, "In Memoriam" toffri mumenti ta' riflessjoni. Melodiji ġentili jogħlew u jaqgħu bħal talb, joffru kumdità u konsolazzjoni lil dawk li ġarrbu xi telfa. Hekk kif tiżvolġi l-mużika, issir ġieħ għall-ħajja li tmissna, ċelebrazzjoni tal-memorji li jgħixu fi qlubna.

**Trois Odelettes**

"Trois Odelettes" ta' Jacob de Haan hija silta mużikali li turi l-maestrija tal-kompożitur fil-melodija u l-orkestrazzjoni. Kompost fis-sena 2000, din is-suite li fiha tliet movimenti li fiha temi liriċi, armoniji intrikanti u vitalità ritmika. Kull taqsima tpinġi pittura mużikali vivida minn nostalġija fl-ewwel moviment għall-esuberanza fit-tieni u fl-aħħar b'enerġija triunfjanti. Bil-melodiji kariżmatiċi u t-tessuti vibranti.

**To a Friend**

"To a Friend" hija silta mużikali li tiffoka fuq l-essenza tal-ħbiberija. Miktuba fl-2005 din is-silta tkellem direttament lill-qalb permezz ta' melodiji teneri u armoniji sinjuri. Din is-silta tiġbor is-sapport u l-ftehim reċiproku li jiddefinixxu l-ħbiberija vera. B'simpliċità eleganti u sentiment sinċier, din il-kompożizzjoni sservi ta' ġieħ lejn il-ħbiberija u tfakkarna fl-impatt profond li l-ħbiberija tħalli fuq ħajjitna.

**Filadelfia**

"Filadelfia" hija silta mużikali vibranti li tiġbor l-ispirtu u l-enerġija tal-belt ta' Philadelphia. Komposta fl-2015, din is-silta dinamika turi l-firma ta' de Haan li jwaħħad l-istili komtemporanji u klassiċi. Permezz tar-ritmi u l-fanfari u l-melodiji, li turi t-toroq mimlijin, il-punti ta' referenza u l-wirt kulturali rikk tal-belt. Mill-ftuħ tas-silta sal-quċċata li tintlaħaq fil-finali, din il-kompożizzjoni tagħti omaġġ lil-legat vibranti ta' Philadelphia bħala sors ta' ħelsien, kreattività u innovazzjoni.

**It-Tema Mużikali ta' Schindler's List**

It-tema mużikali tal-film Schindler's List ta' John Willias toħloq emozzjonijiet profondi u tiġbor l-essenza tat-traġedja tal-Olocaust. Din is-silta ġie komposta fl-1993 għall-film epiku ta' Steven Spielberg li jiffoka fuq l-istorja ta' Oskar Schindler, negozjat Ġermaniż li salva l-ħajja ta' eluf ta' Ebrej Pollakki matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Din il-mużika sservi bħala sottofond għan-narrattiva tal-film ta' sagrifiċċju u tama. It-tema, esegwita primarjament fuq vjolin solo, fiha melodija ta' dwejjaq li tolqot lis-semmiegħ.

Is-sempliċità tat-tema hija parti mill-forza tagħha. Williams jiskarta l-ornamentazzjoni elaborata u permezz ta' melodija sempliċi u ċari li jwassalu emozzjoni profonda. Il-mużika turi sens ta' kontroll mingħajr ma' taqa' fil-melodrammatiċità. Hekk kif it-tema tibda għaddejja, tieħdu diversi varjazzjonijiet sottili, filwaqt li turi l-emozzjonijiet tal-karattru fuq it-tertuqa. F'xi ħinijiet, il-mużika tagħti sens ta' reżiljenza u turi l-kuraġġ u l-kompassjoni minkejja l-orrur tal-Olocaust. Dan filwaqt li tagħti sens ta' melankonija, tfakkar t-tbatija matul dan il-perjodu ikrah fl-istorja tal-umanità.L-impatt tat-tema tmur oltre mill-irwol tagħha fil-film. Saret sinonima mal-memorja tal-Olocaust u sservi bħala simbolu ta' tifkira u tribut lill-miljuni li tilfu ħajjtihom.

ELEVATION.MT

Passenger Lifts | Goods/Car Lifts | Dumbwaiter Lifts

WE ARE HERE FOR ALL
**YOUR LIFTS NEEDS**

27413490 www.elevation.mt info@elevation.mt





Lourdes
Opticians
FREE
EYE TEST
with every purchase
of a new frame
Naxxar Road, San Gwann
Tel: 21 381 226


JOHN FRIEDA.
IT'S FOR ME
MY BOOST.
MY WAY.
NEW PROFILLER+ WITH BIOTIN
& HYALURONIC ACID.
TWICE THE THICKNESS,
FOR DOUBLE THE BOOST.
JOHN FRIEDA
LONDON PARIS NEW YORK
PROfiller+
FOR FINE HAIR
THICKENING
SHAMPOO
THICKENING
CONDITIONER
THICKENING
SPRAY

# Mro Jacob de Haan



Is-Surmast Jacob de Haan huwa kompożitur u surmast rinomat mad-dinja kollha. Twieled fit-28 ta' Marzu 1959 f'Heerenveen. Il-vjaġġ mużikali tiegħu beda ta' età żgħira ħafna fejn beda jistudja l-pjanu u t-trumbetta. Il-passjoni tiegħu għall-kompożizzjoni wasslitu biex jesplora ġeneri u stili differenti ta' mużika.

L-edukazzjoni tiegħu ħadha fil-Konservatorju tal-Mużika fi Groningen fejn studja t-trumbetta, il-konduzzjoni u l-kompożizzjoni. Żviluppa t-talent tiegħu u għarfien profond fit-teorija tal-mużika u l-orkestrazzjoni. Mill-ewel talent u kreattività eċċezzjonali, li kien il-bażi għall-futur tiegħu bħala kompożitur.

Fil-bidu tal-karriera tiegħu kien rikonoxxut għall-kompożizzjonijiet tiegħu għall-baned u l-orkestra. Il-kompożizzjoniiet tiegħu ħafna drabi jisfumaw l-elementi tradizzjonali klassiċi mal-influwenzi kontemporanji li joħolqu ħoss uniku.

De Haan kabbar l-orizzonti mużikali billi daħal fil-konduzzjoni u l-edukazzjoni tal-mużika fejn jgħallem f'diversi skejjel mużikali u konservatorji.

L-istil tal-kompożizzjonijiet tiegħu hu kkaratterizzati mir-rikkezza melodika, armonija profonda u orkestrazzjoni intrikanti. Ix-xogħlijiet tiegħu joħolqu emozzjinijiet kbar, minn marċi għal ballad liriċi li juru l-versatilità tal-kompożitur. Għandu repertorju mużikali estensiv fosthom sinfonijiet, kunċerti u siltiet korali. Jacob de Haan irċieva diversi unuri għall-kontribuzzjoni tiegħu fil-mużika.

# Mro Dominic Darmanin

Mro. Dominic Darmanin twieled il-Belt Valletta f'Mejju tal-1962. Beda l-istudji mużikali tiegħu fl-età ta' 9 snin fl-iskola tas-Sależjani St Patrick's f'Tas-Sliema u fl-iskola tal-mużika Johann Strauss. Tgħallem it-trumbun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Zammit u aktar tard, taħt il-gwida ta' Mro. Paul Borg fejn akkwista tliet diplomi: ALCM, LLCM u FLCM. Studja l-armonija u l-kuntrapunt għand il-mibki Mro. Carmelo Pace u għand il-Profs. Charles Zammit fejn iggradwa bid-diploma A.Mus.LCM.

Ta' 15-il sena għamel l-ewwel dehra tiegħu bħala solista fuq it-trumbun fil-Casino Maltese. Fost l-esekuzzjonijiet mużikali tiegħu jissemma s-solo li esegwixxa fuq it-trumbun f'Novembru tal-1993 meta daqq il-kunċert għat-trumbun ta' Rimsky Korsakov mal-Banda La Valette.

Għallem f'diversi baned Maltin u Għawdxin sakemm fl-1993 inħatar Surmast Direttur tas-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan. Huwa waqqaf il-Pinto Brass Band kif ukoll inawgura l-ewwel sensiela ta' Kunċerti Sinfoniċi. Huwa wkoll il-fundatur tal-ewwel kwartett tat-



trumbuni f'Malta bl-istem ta' The Four Tenors. Ħadem għal seba' snin bħala mużiċist mal-Orkestra tat-Teatru Manoel. Huwa membru mal-Versatile Brass u dik li kienet il-Freddie Mizzi Big band. Kompożitur ta' diversi marċi għall-banda kemm brijużi u kemm funebri. Kiteb ukoll sensiela ta' xogħlijiet klassiċi għall-banda.

Fl-1 ta' Jannar 2008 inħatar Surmast Direttur tas-Soċietà Filarmonika Nazionale La Valette wara li għamel 29 sena bħala mużiċist tal-banda La Valette.




TAS-SOLI

KĊINA MALTIJA

33, Archbishop Street, Valletta

Tel: +356 27863497

+356 99458356

Aaron's

- kitchen -

107, Archbishop, Street, Valletta

Tel: +356 21230636

+356 99458356



CHEERS

wine & more

📍20, Triq Santa Lucia, Valletta.

CASA LAPIRA

LIVING

239, St. Ursula Street, Valletta

info@casalapira.com | www.casalapira.com | +356 9944 6146

# Rosabelle Bianchi



Is-Sopran Rosabelle Bianchi ggradwat fil-Baċellerat tal-Istudji tal-Mużika bl-Unuri u P.G.C.E. fit-tagħlim tal-mużika mill-Università ta' Malta. Preżentement hija titgħallem taħt Juliette Bisazza Zanni. Rosabelle ipparteċipat f'diversi master classes organizzati mill-British Kodaly Association fl-Ingilterra u fl-Italja mill-OPERVIVA taħt it-tuturi mill-Università ta' Juilliard fost oħrajn. F'Malta kompliet bl-iżvilupp tal-vuċi fost oħrajn taħt il-baritonu Ġermaniż Thomas E. Bauer, il-baritonu baxx Daniel Lichti u Laura Sarti. Rosabelle ħadet sehem fost oħrajn fir-*Rencontres Musicales de la Mediterranee festival* f'kunċert operistiku f'Bastia, Korsika u n-Nato Musikfest Monchengladbach fil-Ġermanja akkumpanjata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta taħt it-tmexxija tal-Maġġur John Ivan Borg. Hija wkoll irrappreżentat lil Malta f'Ateni waqt il-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fl-2017 meta kantat fil-Kunċert Gala f'Jum l-Ewropa organizzat mill-MoFA b'kollaborazzjoni mar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea bl-għajnuna tas-Sur Joseph Cuschieri, Ambaxxatur ta' Malta għall-Ġreċja. Kellha diversi rwoli fosthom Ghost Jester fl-opra *The Maltese Cross* f'Pariġi, Mari f'*Il-Wegħda*, Elisabeth f'*Elisabeth: or to be a Mann,* it-tliet opri ta' Charles Camilleri, Dido f'*Dido and Aeneas* ta' Purcell, Paquette, f'*Bernstein's Candide*, It-tieni mara f'*The Magic Flute* ta' Mozart u Gianetta f'*L'Elisir d'Amore* ta' Donizetti. Ir-repertorju ta' Rosabelle jinkludi diversi mużika sagra, Lieder, opra u xogħlijiet kontemporanji.

# Louis Andrew Cassar



Louis Andrew Cassar huwa Baritonu kemm tal-ġeneru operistiku u anki sagri. Huwa interpreta diversi rwoli fosthom Alfio fil-"Cavalleria Rusticana", Marcello u Schaunard f'"La Boheme" f'diversi teatri fl-Italja. Lokalment huwa ħa sehem f'"Carmen" bħala Escamilo, f'"The Magic Flute" bħala "Sarastro" u "Papageno", bħala "Monterone" fost oħrajn. Huwa kanta f'diversi opri sagri ta' kompożituri kontemporanji lokali.

Fl-2016, kien parti mill-proġett tal-APS sabiex teġa' tindaqq il-Quddiesa Requiem ta' Antonio Nani flimkien mal-Orkestra Filarmonika Bulgara taħt it-tmexxija tas-Surmast Joseph Vella. Fl-2017 interpreta lil San Pawl fid-debutt tal-Oratorju ta' Mons. Marco Frisina "Fino ai confine della terra" flimkien mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt it-tmexxija ta' Mons. Frisina. Meta l-Belt Valletta kienet qed tgawdi t-titlu ta' Kapitali Ewropea tal-Kultura, Louis kien involut f'diversi avvenimenti kulturali fosthom id-debutt tal-opra Maltija "Aħna Refugjati" bħala Mirani, and Pilatu fl-opra tat-tfal "Il-Qtates ta' max-Xatt". Fl-2019, Louis kien wieħed mis-solisti tal-kunċert tal-ftuħ tal-VIAF. F'Novembru 2021, ppparteċipa f'Masterclass mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta taħt it-tmexxija tat-Tenur Mro. Jose Cura. F'Novembru 2022, kellu l-irwol ta' Dun Mikiel Xerri f'"Rewwixta" ta' Mro. Joseph Vella. F'Marzu 2023 kien magħżul minn Mro Cura biex jieħu l-irwol ta' Cesare Angelotti fil-produzzjoni tal-Opra Tosca fit-Teatru Manoel. Fi Frar 2024 kanta fid-debutt tal-Oratorju "Hawn f'Nofs l-Għar hemm musbieħ jixgħel" ta' Mro. Christopher Muscat bħala parti mill-Festival Agape.

Louis beda jitgħallem l-istudji vokali mat-tenur Malti Brian Cefai fl-età ta' 13-il sena filwaqt li tgħallem ukoll taħt is-Sopran Patrizia Morandini. Bħalissa jinsab taħt id-direzzjoni artistika tas-Sopran Juliette Bizazza.

# Discover Rampila!

Rampila

Restaurant
Wine Bar
Terrace
Exhibition



Rampila has a wonderful historic vaulted tunnel dining room leading to the most beautiful terrace on the Valletta bastions with stunning views overlooking City Gate Bridge.

We are proud of our kitchen which is open for lunch and dinner. The menu includes Maltese and Mediterranean dishes.

We have a full bar service and an excellent choice of wines at our exquisite wine bar.

*Please come along and join us!*




Rampila Restaurant, 1, St. John's Cavalier Street, Valletta
For reservations call (+356) 9944 1120, (+356) 2122 6625 info@rampila.com www.rampila.com

# Eddie's

# Café Regina

*Esthablished 1947*



**9, Republic Square, Valletta**

**+356 2124 6454**

**eddiescafe1947@gmail.com**

**8:00am till 10:00pm**


A CENTURY OF WINE
REGUTA
REGUTA
RIESLING
REGUTA
SAUVIGNON
REGUTA
ALTRO PASSO
REGUTA
PINOT GRIGIO
REGUTA
CHARDONNAY
Exclusive Importers
MKB Importers Ltd

# Coro Bel Canto



Il-Coro Bel Canto ġie mwaqqaf mis-surmast Hermann Farrugia Frantz fis-sena 2006. Prinċiparjament dan il-kor ikanta mużika sagra u liturġika. Kanta f'diversi Primi Messi, quddies f'okkażjonijiet speċjali, anniversarji, festi Nazzjonali u kunċerti ma' diversi baned, kif ukoll għal diversi drabi mal-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, mall-Banda tal-Pulizija u mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta (MPO). Flimkien mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta fl-2010 kanta l-Oratorju Demm Fuq il-Verna mużika ta' Joseph Vella fuq versi ta' Patri Marjanu Vella, fl-2013 Revival Concert of sacred works by Ferdinado and Giuseppe Camilleri, fl-2014 l-Oratorju Marija fil-Qalb Maltija mużika ta' Hermann Farrugia Frantz fuq versi ta' Alfred Massa. Fl-2016 A Concert of Sacred Works by Carmelo Pace, Stabat Mater ta' Euchar Gravina fil-kunċert tal-APS Bank u l-Oratorio Canticum Vitae kompożizzjoni ta' Hermann Farrugia Frantz.

Fl-2008, fuq stedina mill-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta kanta fl-Awla Magna tal-Università l-qadima, fl-Lejla Annwali Akkademika f'ġieħ San Tumas ta' Akwinu. Fl-2009 kanta l-premiere f'Malta tal-Oratorju Apostolo Delle Genti ta' Marco Frisina fil-Kon Katidral ta' San Gwann. Fl-2009 fuq stedina mill-Appostolat tal-Baħar fi ħdan il-Patrijet Franġiskani kanta f'ċerimonja annwali li tfakkar il-Konvoj ta' Santa Marija. Fl-2010 l-Coro Bel Canto ġie mistieden ikanta f' quddiesa li ċċelebra l-Ministru ġenerali tal-Partrijiet Franġiskani Br. Josè Rodriguez Carballo OFM. Quddiesa li ċċelebrat it-tmien mitt sena mit-twaqqif ta' l-Ordni Franġiskana. Fl-2017 ppreżenta kunċert fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann organizzat mill-Ministeru tal-Finanzi, kunċert li għalih attendew il-Ministri tal-Finanzi tal-Ewropa. Fl-2019, il-Coro Bel Canto kanta fil-premiere tal-kantata Consolatrix Afflictorum, mużika ta' Hermann Farrugia Frantz. Fl-2022, ħadem fuq il-proġett Reviving our music heritage, fejn saret tnedija ta' CD, USB u kunċert b'antifoni ta' San Filep ta' kompożituri importanti Maltin, proġett organiżżat mit-12th May Band & Social Club ta' Ħaż-Żebbuġ.

Dan il-kor qiegħed jiġi kkummissjonat ukoll minn diversi parroċċi sabiex janima bil-mużika ħdax-il festa, fosthom il-festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta.

# George Curmi, il-Pusè

George Curmi twieled il-Belt Valletta fl-1966 u kien missieru stess, Joe Curmi, mużiċist veteran li introduċieh fil-mużika. Meta kellu 14-il sena, kien avviċinat minn Mro. Joseph Sammut, biex idoqq bħala mużiċist part-time mal-Orkestra tat-Teatru Manoel u sena wara ingħata borża ta' studju biex ikompli l-istudji tiegħu mal-Prof. Mauro Ceccanti fil-Konservatorju Luigi Cherubini f'Firenze, l-Italja. Meta ġie lura Malta ingħaqad mal-Orkestra tat-Teatru Manoel, illum Malta Philharmonic Orchestra.

L-istrument prinċipali tiegħu jibqa' l-vjolin, iżda jdoqq ukoll is-saxophone, il-mandolina, il-perkussjoni u aktar riċenti l-klarinet u huwa magħruf għall-versatilità tiegħu. Il-karriera tiegħu ħaditu f'pajjiżi f'kull kontinent u tagħtu l-opportunità li jdoqq ma' artisti ta' fama internazzjonali, fosthom Shirley Bassey u Tommy Emanuel.



George huwa wkoll kompożitur u jikkomponi f'numru ta' stili differenti. Ħareġ ukoll numru ta' CD albums, l-aħħar wieħed "Thanks" li l-flus miġbura mill-bejgħ tiegħu marru għall-Fondazzjoni Puttinu Cares.

CROCE
BONACI
CATERERS

Office: - 32, St. Ursula Street,
Valletta - Malta - T: 2122 5924

Cafeteria - 24, St. John Street,
Valletta - Malta - T: 2124 7933
Mob: 79048664
www.crocebonaci.com
E: info@crocebonaci.com

# PROTECTING LIFE FROM THE BURDEN OF ILLNESS




Charles de Giorgio Limited

25 600 600


ZIZKA KITCHEN
ZIZKA
TRATTORIA
Menu
ZIZKA KITCHEN
42, West Street, Valletta
Mob: 99443357
Opening Hours
Monday to Saturday : 11.30am - 9.30pm
Sunday : 11.30am - 2.30pm


Mob. 99443357
33, Mediterranean Street, Valletta
ALEXANDER'S
BAR & RESTAURANT

# Il-Mużika Sagra santwarju għar-ruħ u stedina għall-għaqda mad-Divin

*Fabian Mangion*

Il-mużika sagra għandha sinifikat profond fil-kulturi u r-reliġjonijiet, u sservi bħala mezz għall-espressjoni spiritwali u d-devozzjoni. Bl-għeruq tagħha fit-tradizzjonijiet tal-qedem u li qed jevolvu matul is-sekli, tiġbor fiha l-essenza tat-twemmin reliġjuż, il-wirt kulturali, u l-konnessjoni umana mad-Divin. Mill-kant Gregorjan li jidwi fil-monasteri u fil-katidrali medjevali għar-ritmi mimlija ħajja tal-innijiet Gospel li jinstemgħu fil-knejjes Afro-Amerikani, il-mużika sagra titraxxendi l-konfini, tmiss il-qalb u r-ruħ ta' dawk li jemmnu madwar id-dinja.

Fil-qalba tagħha, il-mużika sagra hija forma ta' qima, mezz ta' talb u ta' tifħir lil Alla Ħallieq. Il-melodiji, l-armoniji u t-testi tagħha huma mfassla biex jgħollu l-ispirtu u jrawwmu sens ta' riverenza. Kemm jekk kantata b'vuċi waħda minn kongregazzjoni jew esegwita minn kor akkumpanjat minn arranġamenti orkestrali, il-mużika sagra toħloq spazju sagru fejn il-fidili jistgħu jikkomunikaw mad-Divin. Ir-ripetizzjoni tat-testi u l-melodiji sagri sservi biex issaħħaħ it-tagħlim reliġjuż, u jitnissel sens ta' għaqda u konnessjoni fost dawk li jemmnu.

Waħda mill-aktar forom bikrija ta' mużika sagra hija l-kant Gregorjan, li tfaċċat fil-perjodu medjevali bħala tradizzjoni ta' mużika vokali monofonika u mhux akkumpanjata fil-Knisja Kristjana tal-Punent. Ikkaratterizzat mill-melodija li tibqa' ddur fil-moħħ bħallikieku qed tinstema' fil-widna, dejjem b'andament solenni, il-kant Gregorjan huwa mfassal biex jispira l-kontemplazzjoni u l-meditazzjoni. Kellu u għad għandu rwol ċentrali fil-liturġija, jakkumpanja ritwali u ċerimonji reliġjużi, u l-influwenza tiegħu għadha tista' tinstema' f'kompożizzjonijiet ta' mużika sagra kontemporanja.

Minbarra l-mużika vokali, il-mużika sagra tinkludi firxa wiesgħa ta' kompożizzjonijiet strumentali, inkluż mużika għall-orgni, xogħlijiet orkestrali, u mużika klassika. Matul l-istorja, il-kompożituri ġibdu l-ispirazzjoni minn testi u temi sagri biex joħolqu kapolavuri li jqanqlu



# Little Paws
## Pet Shop

77, St Paul Street
Valletta VLT 1212

Tel: 2743 0086

*Opening Hours*
Monday - Friday : 9.00am - 13.00pm
Wednesday : 4.00pm - 7.00pm
Saturday : 9.00am - 13.00pm

esperjenzi spiritwali profondi. Johann Sebastian Bach, pereżempju, ikkompona bosta kantati, oratorji, u xogħlijiet għall-orgni, imsejsa fuq temi korali, li jirriflettu l-fidi reliġjuża u d-devozzjoni profonda tiegħu.

Il-perjodu tar-Rinaxximent kien xhieda ta' tkabbir tal-mużika sagra, b'kompożituri bħal Giovanni Pierluigi da Palestrina, Tomás Luis de Victoria, u William Byrd jikkontribwixxu għal xenarju għani tal-mużika liturġika. Il-ġeneru korali polifoniku sar dejjem aktar prevalenti u juri armoniji dejjem aktar komplessi. Dawn il-kompożizzjonijiet kienu spiss esegwiti f'ambjenti sagri bħal katidrali u bażiliċi, u b'hekk isaħħu l-atmosfera ta' qima u solennità.

F'dan il-perjodu, bit-twelid tal-ġeneru operistiku, il-mużika sagra hija ta' żewġ tipi, jiġifieri dik destinata għall-kunċerti u dik għall-użu liturġiku. Tiġbor fiha firxa wiesgħa ta' ġeneri, stili u tradizzjonijiet u tinkludi mużika korali, innijiet, kant, biċċiet strumentali, u aktar. Il-mużika liturġika tirreferi speċifikament għal mużika li hija komposta u esegwita fil-kuntest ta' servizzi jew ċerimonji ta' qima reliġjuża. Ħafna drabi hija marbuta mill-qrib mar-ritwali, it-testi, u l-istaġuni ta' tradizzjoni reliġjuża partikolari. Il-mużika liturġika taqdi rwol funzjonali fi ħdan il-qima, tgħin biex ittejjeb l-esperjenza spiritwali tal-parteċipanti u tikkumplimenta r-ritwali u t-talb tas-servizz. Filwaqt li l-mużika liturġika hija sezzjoni ta' mużika sagra, mhux il-mużika sagra kollha neċessarjament tintuża f'kuntest liturġiku. Ngħidu aħna, biċċa korali sagra, magħmula għal eżekuzzjoni ta' kunċert, tista' ma tkunx maħsuba għall-użu f'servizz reliġjuż u ma titqiesx bħala mużika liturġika.

Fit-tradizzjoni Protestanta, il-kitba u l-kant tal-innijiet strofiċi ħarġet bħala forma distintiva ta' mużika sagra, ikkaratterizzata minn kant tal-kongregazzjoni akkumpanjat minn melodiji sempliċi u armoniji ħafna drabi b'erba' vuċijiet. Influwenzati mir-Riforma, l-innijiet Protestanti kienu spiss jitkantaw bil-lingwa vernakulari, u jagħmluhom aktar aċċessibbli għal-lajċi. Kittieba ikoniċi ta' innijiet bħal Martin Luther, Isaac Watts, u Charles Wesley ikkomponew innijiet li għadhom jitkantaw fil-knejjes madwar id-dinja.

Il-miġja tal-era Barokka rat l-iżvilupp ta' forom elaborati ta' mużika sagra bħall-oratorju u l-Quddiesa. Kompożituri bħal George Frideric Handel, Antonio Vivaldi, Alessandro Scarlatti u ibnu Giuseppe Domenico Scarlatti kkomponew xogħlijiet monumentali li għaqqdu narrazzjonijiet bibliċi ma' ambjenti ta' mużika drammatika, u ġibdu lill-udjenzi bil-profondità emozzjonali u spiritwali tagħhom. Dawn il-kompożizzjonijiet ta' spiss kienu esegwiti f'ambjenti grandjużi, u ġibdu folol ta' fidili u dilettanti tal-mużika bl-istess mod.

Fl-era moderna, il-mużika sagra tkompli tevolvi, tinkorpora elementi ta' stili u tradizzjonijiet mużikali varji. Il-mużika Gospel, imwielda mill-esperjenza reliġjuża Afro-Amerikana, tħeġġeġ kitba ta' innijiet tradizzjonali b'melodiji emozzjonanti u skadenzi ritmiċi. Il-korijiet u l-gruppi Gospel joħolqu enerġija nfettiva għas-servizzi ta' qima, billi jistiednu lill-fidili biex jipparteċipaw b'mod attiv fl-espressjoni mużikali.

Minn kant liturgiku tal-qedem għal innijiet ta' tifħir kontemporanji, il-mużika sagra tibqa' espressjoni għażiża ta' fidi u devozzjoni. Il-melodiji immortali u l-armoniji traxxendenti tagħha jservu bħala sors ta' ispirazzjoni u serħan, u jgħaqqdu lil dawk li jemmnu f'esperjenza ta' elevazzjoni spiritwali. F'dinja mimlija storbju u distrazzjonijiet, il-mużika sagra toffri santwarju għar-ruħ, tistieden lis-semmiegħa biex jingħaqad mad-divin u jsibu tiġdid fil-qawwa tal-mużika.

Billi s-salmi u l-kantiċi, parti integrali mill-Iskrittura Mqaddsa, kienu maħsuba biex jitkantaw, juru r-rabta li teżisti bejn il-Kelma spirata u l-arti mużikali. Barra minn hekk, peress li l-qima Nisranija hija marbuta intimament mal-Iskrittura Mqaddsa, il-mużika hija meqjusa bħala neċessarjament denja li tiġi ppreservata u mrawma fil-qima pubblika tal-Knisja.

Fi kliem il-Konċilju Vatikan II, "It-tradizzjoni mużikali tal-Knisja kollha hija teżor ta' valur bla qies li jgħaddi kull espressjoni oħra tal-arti l-aktar minħabba li l-kant sagru, magħqud ħaġa waħda mal-kliem, huwa parti neċessarja u ntegrali mil-liturġija solenni." (Sacrosanctum Concilium, 112)




Our kitchen is open all day, every day from 11.30am until 10.00pm (Fridays and Saturdays to 11.00pm). D'Office is perfect for lunch in the city, convenient to offices, shops or when visiting the wonderful sights that Valletta has to offer. Come in for a cosy dinner or just to call by a t any time to relax. You can have a full meal or platter at any time of the day accompanied by a glass or two of wine from our carefully selected wine selection from Maltese and foreign vineyards.

**132,**
**Archbishop Street,**
**Valletta**

**Tel:27221475**
**Mobile: 99441120**




dolceria
Barigozzi
10

12, St. Helen Square, Birkirkara
21449514 - 77480377






FREESPIRIT
ACTING
Klassijiet għall-adulti, żgħażagħ u tfal
info@freespirit.com | 9946 7410


F. ZAMMIT
Glass
Find us on facebook
Triq il-Kummerċ, Qormi - 21230659 - info@fzammitglass.com
Clear Float Glass
Laminated Glass
Tinted Float Glass
Mirrors
Double Glazing
Glass Displays

# Il-Katidral ta' Malta-
# Evoluzzjoni ta' post ta' kult

*Mons. Dr Edgar Vella*
*Kuratur tal-Mużew tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina*



Sa minn żminijiet bikrija nsibu li spazju partikulari sagru kien jiddomina iċ-ċittadella tal-belt il-qadima tal-Mdina, oriġinarjament Maleth. Din il-binja sagra, miżmuma għall-kult divin u r-ritwal nisrani, setgħet kienet monument tipiku akropolin bħall-istrutturi importanti l-oħra kollha li gawdew prestiġju fl-iżjed żona strateġika fuq il-gżira.

Fost l-eqdem referenzi nsibu dawk li jmorru lura għas-seklu 8 Q.K., bl-isem jinbidel diversi drabi bħalma inbidlu l-ħakkiema tagħha matul is-sekli. Dokumenti arkivjali jindikaw li l-knisja prinċipali ta' Malta kienet diġà stabbilita fi tmiem is-seklu sitta. Fil-fatt il-Papa San Girgor il-Kbir fl-ittra li bagħat lill-isqof Giovanni ta' Sirakuża fis-sena 598, jordna u jħeġġeġ lill-kleru u l-poplu tal-belt Melite biex jaħtru isqof ġdid.

Ma ninsewx li Melte Biżantina kienet meqjusa bħala provinċja ta' Sqallija li pprovdiet l-ewwel għadd ta'rħieb lill-Malta biex jamministraw ir-riti qaddisa lill abitanti. Sal-lum qatt ma nstagħabet evidenza arkeoloġika tal-maqdes Biżantin, li wara l-qerda tiegħu matul il-ħakma Għarbija tas-sena 870, il-materjal ta' kostruzzjoni bħal ma huma kolonni, ġebel, ċangatura u oħrajn inġarru lejn it-Tuneżija biex iservu ta' materjal ta' kostruzzjoni hemmhekk.

Għalkemm in-Normanni rebħu kompletament lill-Malta fis-sena 1127, u allura ffaċilitaw li t-twemmin nisrani jippredomina mill-ġdid f'Malta, l-abitanti ġew deskritti bħala taħlita bejn Insara u Musulmani. L-ewwel referenza ċerta ta' isqof għall-Malta tmur lura għas-sena 1168, u l-ewwel dokument li jsemmi katidral jmur lura għas-sena 1299 fit-testment ta' Guillelmus de Malte. Dan id-dokument jixhed knisja stabbilita, mgħammra sew u deċenti kif wkoll jagħti evidenza tal-kult Pawlin lokali.

Għalkemm it-tagħrif dwar il-katidral tas-seklu tlettax huma pjuttost skarsi, għaldaqstant id-dettalji miktuba minn Gio Francesco Abela (1588-1655) huma sostanzjalment korretti. Id-deskrizzjoni dettaljata ssemmi kursija b'għadd ta' kolonni, saqaf tal-injam, u twieqi tondi.

L-idea ta' katidral ġdid fuq stil barokk kienet ilha tiġi moħmija mill-membri tal-kapitlu għal diversi snin. Kien l-isqof Baldassare Cagliares (1594-1641) li ħaseb għall-bini tas-sagristiji bl-abbellimenti tagħhom u mżanżna fl-1627.

Fl-1679, il-kapitlu ħaseb biex jibni, u jimmodifika, kif wkoll isebbaħ il-kor taħt id-direzzjoni tal-arkitett Lorenzo Gafà (1639-1703). Fis-snin tmenin tas-seklu sbatax, Mattia Preti tqabbad iżejjen iċ-ċiklu pittoriku Pawlin li jinkludi l-apside, it-titular, erba' kwadri laterali u tnejn oħra fil-kappelluni. Dawn juru episodji mill-ħajja ministerjali u l-aspett devozzjonali ta' San Pawl Missierna. Dan il-proġett ġie imħallas mill-Kanonku Kapitulari Don Antonio Testaferrata.

It-terremot tal-11 ta' Jannar tal-1693 laqat lill-Malta u il-Katidral sofra ħsarat konsiderevoli.

OPEN ALL DAY

JB STORES

Connect with us...

SLIEMA - TA' XBIEX - SAN GWANN - ST. PAUL'S BAY - HAMRUN - GOZO

# AFFORDABLE LIVING

HOUSEHOLD GOODS - LIGHT UP - CARPETS - SOFAS

HOME TEXTILES - FASHION TEXTILES - HABERDASHERY - CURTAINS

GAUDI SPECIAL OCCASION - CANDIDA CLOTHING

**IKLIN**

2331 4301

Triq Il -Klin, Iklin IKL 1061

Din l-okkażjoni serviet biex il-Kapitlu jibda l-proġett mistenni u ambizzjuż li jibni katidral ġdid fl-idjoma Barokka predominanti fis-seklu Sbatax.
Il-binja, l-irħamijjiet, it-tiżjin u l-għamara kollha hi xhieda taż-żelu, l-entużjażmu u l-ħeġġa tal-Kapitlu li ħadem qatieħ biex ikollna katidral dinjituż u dehen tal-Knisja Omm ta' Malta.



Il-kostruzzjoni tal-katidral tlestiet fl-1702, ftit xhur qabel il-mewt ta' Gafà, waqt li l-konsagrazzjoni mill-isqof Davide Coccopalmieri seħħet fit-8 t' Ottubru 1703. Il-koppla maestuża ntemmet fl-24 t'Ottubru 1705.

Il-katidral żamm il-post millenarju tiegħu fuq iċ-ċittadella tal-belt notabbli tal-Mdina grazzi għall-intervent tal-isqof Vincenzo Labini matul l-okkupazzjoni Napoleonika li ħalliet marka indelibbli fuq ix-xorti tal-katidral ta' Malta.

Illum il-Kapitlu għadu jaħdem biex jikkonserva u jirrestawra din il-binja opulenti u storika għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

CAFE
CAPITOLINO
Republic Street, Valletta









# Ramon Lautier

Alteration and Restoration

Mob: 77776454

email: ramonlautier87@gmail.com






"Ta Futti"
GOLDEN LION
snack bar
Specialising in Rabbit Meals
at reasonable prices
Prop: John Ciantar
28, St. Augustine Street, Rabat - Malta
Tel: 2145 2470
Mob: 9947 7072
MONDAY & TUESDAY CLOSED


SPORTS
EXPERIENCE
(+356) 2143 8877
(+356) 7928 7752
info@sportsexperience.com.mt
74, Triq il-Pitkali, H' Attard, Malta, EU
SportsExperienceMt

# Amaspharma Co. Ltd.

**Lourdes Pharmacy & Opticians**

**1, Massabielle Street,**
**San Gwann SGN 9030**

**Tel: 2138 7479 - 2138 1226**
**Fax: 2137 2219**
**E.mail: amasco@maltanet.net**



# KANTINA

café & wine

ST JOHN'S SQUARE, VALLETTA

27230096

kantinacafe@gmail.com

facebook.com/KantinaCafeWine

# L-Attivitajiet tal-150 sena mit-Twaqqif tas-Società



**Mill-1 sal-4 ta' Novembru 2023 - Iż-Żjara ta' Mons. Marco Frisina f'Malta**

Mons. Marco Frisina wasal Malta l-Erbgħa l-1 ta' Novembru f'titjira minn Ruma fejn ġie milqugħ mill-President tas-Società s-Sur Jonathan Grima flimkien ma' uffiċjali mill-Kumitat tad-Direzzjoni. Żar il-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawgrafu kif ukoll qaddes fl-Oratorju tal-Karità. Filgħaxija żar is-Sede tas-Società u ffirma wkoll il-ktieb tal-viżitaturi.



Fit-tieni ġurnata tiegħu Malta, Mons. Marco Frisina żar il-Katidral kif ukoll il-Mużew tal-Katidral u ngħata spjegazzjoni mill-Kuratur Mons. Edgar Vella. Aktar tard waranofsinhar Mons. żar iż-Żejtun fejn mar fil-Mużew tal-Knisja kif ukoll żar il-każini taż-żewġ baned taż-Żejtun.

Mons. Marco Frisina beda t-tielet ġurnata bi żjara ta' kortestija lill-President ta' Malta Dr George Vella. Matul din iż-żjara l-kumitat ppreżenta donazzjoni għal The Malta Community Chest Fund. Filgħaxija sar il-kunċert tant mistenni Apostolo delle Genti bil-Kon-Katidral ta' San Ġwann mimli daqs bajda.



L-aħħar jum ta' Mons. Marco Frisina f'Malta beda b'quddiesa fil-Katidral tal-Imdina u wara Kunċert u taħdita fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina. B'attendenza numeruża Mons. Marco Frisina flimkien mal-kor Marija Bambina tal-Mellieħa daqq diversi siltiet mużikali. L-attivitajiet ntemmu b'marċ mill-Banda tas-Società Filarmonica Nazionale La Valette b'marċ minn quddiem il-Katidral sal-Bieb tal-Imdina.

**2 ta' Diċembru2023 - Maestro 15-il sena Soc. Fil. Naz. La Valette u 30 sena Soc. Fil. Pinto**

Nhar is-Sibt 2 ta' Diċembru saret serata kommemorattiva bil-mużika mill-pinna tas-Surmast Dominic Darmanin organizzata mis-Società Filarmonica Nazionale La Valette u s-Soċjetà Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan A.D. 1862 fl-okkażjoni tal-15-il sena Surmast Direttur tal-banda La Valette u 30 sena tal-banda Qormija rispettivament. Qabel bdiet din is-serata ġie inawgurat il-lift ġdid li sar bl-għajnuna tal-Malta Council for the Voluntary Sector mmexxija mis-Sur Mauro Pace Parascandalo.






At the heart of our Capital City
sg
SAN GIOVANNI
Valletta
St. John's Square, Valletta
9949 6810
SanGiovanniValletta


HYPNOS - Vitafoam
HYPNOS–VITAFOAM
MATTRESSES SOLD HERE !
ANY SIZE & SHAPE
12 DIFFERENT QUALITIES
GUARANTEED MALTESE PRODUCT
FREE PILLOWS
FREE DELIVERY
5 Years Warrenty
ANTI DUST MITE TREATED
Tel: 21484992/3 - 21238163
Mobile: 7923 9817
Website: www.vitafoammalta.com
E-mail: info@vitafoammalta.com


















WE'RE STRONGER TOGETHER
AIG
Montaldo Insurance
AGENCY LIMITED
98/2, Melita Street, Valletta VLT 1120 Tel: 21 238 500 www.montaldoinsurance.com
A company authorised to act as an insurance agent, regulated by the Malta Financial Services Authority
Malta General Agents for AIG Europe S.A. an insurance undertaking with R.C.S. Luxembourg number B 218806. Head Office at 35 D Avenue John F. Kennedy, L-1855, Luxembourg

**18 ta' Jannar 2024 - Fuq il-Passi ta' San Pawl - fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat**

Il-La Valette Ensemble taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast James Chappell bis-sehem tas-Sopran Rosabelle Bianchi ħadet sehem f'serata mtellgħa mill-Fondazzjoni Paulus bħala parti mir-Rabat Agape Festival 2024 fil-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat. F'dan il-kunċert ħadet sehem ukoll ensemble mis-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru flimkien mas-Sopran Charlene Portelli. Kien hemm ukoll qari minn Peter Paul Ciantar u Godwin Scerri.



**20 ta' Jannar Fuq il-Passi ta' San Pawl - fil-Knisja filjali ta' San Pawl tal-Wied f'Birkirkara**

Bħala parti mill-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl fil-Knisja filjali ta' San Pawl tal-Wied f'Birkirkara ttellgħet il-La Valette Ensemble taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast James Chappell bis-sehem tas-Sopran Rosabelle Bianchi ħadet sehem f'serata mużiko-letterarja. Matul din is-serata ndaqqu diversi innijiet Pawlini.



**6-9 ta' Frar - Pellegrinaġġ Fuq il-Passi ta' San Pawl f'Ruma**

Diversi membri tal-kumitat u soċi ħadu sehem f'Pellegrinaġġ fuq il-Passi tal-Appostlu Missierna San Pawl, fil-Belt ta' Ruma u l-Vatikan bejn is-6 u d-9 ta' Frar 2024. Matul din iż-żjara dak preżenti attendew udjenza mal-Papa Franġisku, kellhom laqgħa mal-Kardinal James Michael Harvey, Arċipriet tal-Bażilka ta' San Paolo Fuori le Mura, u ġew iċċelebrati diversi quddies f'diversi Santwarji Pawlini u fil-Kripta tal-Bażilka tal-Vatikan.

**10 ta' Frar - Inawgurazzjoni tal-Monument ta' San Pawl Nawfragu fl-Arċipierku**

Is-Società Filarmonica Nazionale La Valette ħadet sehem fl-inawgurazzjoni tal-monument ta' San Pawl Nawfragu fl-Arċipierku. Il-banda daqqet marċi qabel l-inawgurazzjoni filwaqt li wara tellgħet kunċert b'marċi Pawlini. Din l-attività kienet organizzata minn grupp ta' Pawlini mill-Arċipierku.



**16 ta' Frar - Serata Mużiko-Letterarja fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu**

Bħala parti mill-programm tal-Festa tal-Appostlu Missierna San Pawl l-Akkademja Kulturali Pawlina fi ħdan l-Għaqda tal-Pawlini, A.D. 1970 - Valletta tellgħet Serata Mużiko-Letterarja fejn fiha ħadet sehem il-Banda tas-Società taħt it-tmexxija tas-Surmast Dominic Darmanin u Mro James Chappell fil-Kolleġġjata ta' San Pawl.



# DT ALUMINIUM



**St.Joseph Work Shop,**
**Triq Maestro Giuseppi Camilleri Handaq,**
**Industrial Estate Qormi.**

**For all kinds of Aluminium**
**& Roller Nets**
***Best Prices Guaranteed***



**Contact: David Taliana**
**Tel: 2163 2770 - Mobile: 9945 3797**
**E-mail : DT.Aluminium@outlook.com**


BORTEX
FINE TAILORING


CASTILLE HOTEL
Castille Square, Valletta )Near Upper Barrakka Gardens)
Tel: 2124 3677/8, 2122 0173 – Fax: 2124 3679 – E-mail: info@hotelcastillemalta.com

# J. CURMI INTERIORS

## FINISHING CONTRACTORS

Mob: 7746 6425

Email: curmijoeinteriors@hotmail.com

il-Ħorża

TAVERNA dei MERCANTI

**6, St. Christopher Street, Valletta**

Tel: +356 21226936 Mob: +356 79238269

Web: www.ilhorza.com

Opening Hours:

Monday to Friday: 12.00 p.m. - 3.00 p.m.

7.30 p.m. - 10.30 p.m.

Saturday: 8.00 p.m. - 10.30 p.m.

tripadvisor

# Ħajr

Is-Società Filarmonica Nazionale LA VALETTE tixtieq tirringrazzja lil:

L-Eċċellenza Tiegħu Dr George W Vella, President ta' Malta, u s-Sinjura Vella
Onor. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Art u l-Gvern Lokali
Onor. Keith Azzopardi Tanti, Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Is-Sur Alfred Zammit, Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
L-Arċisqof ta' Malta Charles J. Scicluna
Mons. Mario Tong, Ariċpriet tal-Katidral Metropolitan tal-Imdina
Katidral Metropolitan tal-Imdina
Michael Sciberras, Beati Paoli
Lino Bartolo, Seyba Aluminium Ltd
Charles Polidano, Montekristo
Jason Grech, La Valette Bar & Restaurant
Geroge Tabone, Gram Collection
Bortex Fine Tailoring Marsa
Mro Joseph Galea
Mro Dominic Darmanin
Mro James Chappell
Cav. Dott. Tonio Portughese
Joe Chetcuti
Peter Paul Ciantar
Mario Azzopardi, Castille Hotel,
Mario Xuereb
Mauro Pace Parascandalo
Sergio Zampa
Clinton Debono
Simon Vella Gregory
Josephine Scerri, BOV Manager
Tonio Camilleri, C. Camilleri & Sons Ltd.
James Barbara, James Caterers
Kan. David Torpiano
Julian Sammut, Vecchia Napoli
David & Gizelle Stellini, Charles de Giorgio Ltd.
L-ET Frank Zammit, Ambaxxatur għas-Santa Sede
Dr Gavin Gulia, Chairman, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Carlo Micallef, CEO Visit Malta
Olaf McKay, Senior Director, Esplora Interactive Science Center
Istituto Italiano di Cultura, La Valletta
Marie Benoit
Tony Cassar Darien
Matilde Balzan
Antonella Vassallo
Stephanie Chircop
Josef Bonello
Frederick Zammit
Sonya Young Toyah Zammit, Awtorità Maltija għat-Turiżmu
Priscilla Civelli —- Visitmalta
Charles Zammit, Radio City 98FM
Media stampata u awdjovisiva, ġurnali, radio, televiżjoni, websites
Għadd kbir ta' Sponsors, Advertisers, Voluntiera, u Ammiraturi

# Riklami


5 Beans ... 22
Alexander's ... 58
Amas Pharma ... 70
Assikura ... 20
Barigozzi ... 63
Beati Paoli ... 2
Bonaci Caterers ... 9
Bonnici Press ... 18
Bortex ... 77
BOV ... Back page
Brown's ... inner back
Cafe Capitolino ... 67
Camilleri Catering ... 15
Camilleri tal-Helu ... 40
Carmine ... 31
Casa Lapira ... 50
Castille Hotel ... 77
Cheers ... 50
Cisk Lager ... 4
Croce Bonaci ... 56
D'Office ... 62
Dettol ... 57
DT Alumiinium ... 76
E. Theuma ... 24
Eddie Cafe Regina ... 53
Elevation ... 45
F Zammit ... 64
Framegrip ... 10
Free Spirit ... 64
Giolleria Zampa ... 37
Golden Lion ... 69
Grano ... 36
Hynos Vitafoam ... 72
I Pupi ... 6
Il-Horza ... 78
J Curmi ... 78
JB Stores ... 66
Jewel Box ... 28
John Frieda ... 46
Kantina ... 70
La Valette Bar ... 32
Little Paws ... 60
Lourdes Opticians ... 45
Lucentini ... inner front back
Luciano ... 25
Montaldo Insurance ... 74
Montekristo ... 14
Morgan ... 34
Neriku ... 16
Old Bakery ... 31
Palazzo Preca ... 30
Photocity ... 42
Ramon Lautier ... 68
Rampila ... 52
Reguta ... 54
San Giovanni ... 72
San Paolo Naufrago ... 8
Seyba ... 12
Sport Experience ... 69
Ta' Nenu ... 19
Tas-Soli ... 46
Thirty three ... 26
Vecchia Napoli ... 5
Vigo ... 42
Zizka ... 58

BROWNS+YOU

# REVITALISE YOUR GUT

GUT CARE

By brown's

# BOOST YOUR HEALTH

BrownsPharma
www.browns.pharmacy
customercare@brownspharmacy.eu


BOV | INVESTING TOGETHER
Plan your future wisely.
Our experts can guide you to choose the best investments to achieve your goals.
Invest with experts.
Contact one of our Investment Centres today.
SCAN HERE
The value of investments may go down as well as up and may be affected by changes in currency and exchange rates. Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and licensed to carry out the business of investment in terms of the Investment Services Act (Cap. 370 of the Laws of Malta).
BOV
Bank of Valletta